

Linji gwida dwar il-valwazzjoni tal- provvedimenti tekniċi

Introduzzjoni

- 1.1. Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 1094/2010 tal-24 ta' Novembru 2010 (minn hawn 'il quddiem ir-Regolament EIOPA)¹ u l-Artikoli 76 sa 86 kif ukoll l-Artikolu 48 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II)² kif żviluppata aktar bil-Miżuri ta' Implimentazzjoni u b'mod partikolari bl-Artikoli 17 sa 42 dwar ir-regoli relatati mal-provvedimenti tekniċi, L-EIOPA qiegħda toħroġ Linji gwida dwar il-Valwazzjoni tal-Provvedimenti Tekniċi³.
- 1.2. Il-Linji gwida dwar il-valwazzjoni tal-provvedimenti tekniċi huma fformulati sabiex iżidu l-konsistenza u l-konverġenza tal-prattika professjonali għat-tipi u d-daqsijiet kollha ta' impriżi tal-Istati Membri u biex jappoġġjaw lill-impriżi fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi tagħhom skont Solvibbiltà II.
- 1.3. Huwa rikonoxxut li ġudizzju espert huwa komponent ewlieni fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi u għandu jiġi applikat fl-istabbiliment tas-suppożizzjonijiet li għandhom jintużaw fil-valwazzjoni tal-provvedimenti tekniċi għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni. Dawn il-linji gwida dwar il-valwazzjoni tal-provvedimenti tekniċi għandhom jinqraw flimkien mal-Kapitolu 4 tal-Linji gwida għall-Mudelli Interni dwar l-istabbiliment tas-suppożizzjonijiet u l-ġudizzju espert, li huma bbażati fuq l-Artikolu 2 tal-miżuri ta' Implimentazzjoni.
- 1.4. Dawn il-Linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont Solvibbiltà II.
- 1.5. Il-Linji gwida finalment se jiġu applikati kemm mill-attwarji kif ukoll minn professjonisti oħra li jistgħu jinħatru biex iwettqu l-kompiti tal-funzjoni attwarja.
- 1.6. Il-passi rilevanti sabiex ikun assigurat kalkolu affidabbli tal-provvedimenti tekniċi għandhom isiru mill-persuni responsabbli mill-kalkolu. Il-funzjoni attwarja għandha twettaq il-kompitu ta' koordinazzjoni u ta' validazzjoni. L-impriżi għandhom jitolbu li l-funzjoni attwarja – anki meta ma jkunx imsemmi b'mod espliċitu - twettaq il-kompiti tagħha fejn ikun xieraq billi tikkunsidra r-rekwiżiti definiti fil-Linji gwida għall-valwazzjoni tal-provvedimenti tekniċi u skont il-Linji gwida dwar is-sistema ta' governanza u r-rekwiżiti definiti fl-artikolu 272 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.
- 1.7. Dawn il-Linji gwida huma maqsumin f'sezzjonijiet differenti. Is-Sezzjoni 1 dwar il-Kwalità tad-Data tesplora l-modi kif għandhom jiġu kkunsidrati l-kwistjonijiet relatati mal-kwalità tad-data fil-proċess ta' kalkolu tal-provvedimenti tekniċi u l-iżgurar li n-nuqqasijiet ikunu ġew indirizzati b'mod xieraq.

¹ ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48–83

² ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1-155

³ ĠU L 12, 17.01.2015, p. 1-797

- 1.8. Is-Sezzjoni 2 dwar is-Segmentazzjoni u s-Separazzjoni tesplora l-modi kif l-obbligi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jiġu segmentati. L-għan tas-segmentazzjoni huwa li tinkiseb valwazzjoni preċiża tal-provvedimenti tekniċi.
- 1.9. Is-Sezzjoni 3 dwar is-Suppożizzjonijiet tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-għażla tal-metodoloġiji sabiex jiġu kkalkulati l-provvedimenti tekniċi. Dan jirrigwarda l-proċess ġenerali ta' valutazzjoni tal-proporzjonalità li l-impriża huma mistennija li jwettqu meta jagħżlu metodu ta' kalkolu, kif ukoll aspetti metodoloġiċi speċifiċi tal-kalkolu.
- 1.10. Is-Sezzjoni 4 dwar il-Metodoloġiji għall-kalkolu tal-Provvedimenti Tekniċi, tinkludi linji gwida rilevanti meta l-provvedimenti tekniċi jiġu kkalkulati flimkien. Hija tipprovdi wkoll lista mhux eżawrjenti ta' approċċi potenzjali għas-simplifikazzjonijiet, b'kont meħud tal-fatt li l-metodoloġiji u t-tekniki għall-valwazzjoni tal-provvedimenti tekniċi huma soġġetti għal żvilupp kontinwu. Il-valutazzjoni tal-proporzjonalità deskritta f'dawn il-linji gwida mhijiex rilevanti biss għall-għażla tal-metodoloġiji għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi. Ir-risoluzzjonijiet tagħha għandhom ikunu konvenjenti wkoll biex jappoġġaw passi oħra għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi, bħall-kwalità tad-data, is-segmentazzjoni, l-istabbiliment tas-suppożizzjonijiet u l-validazzjoni.
- 1.11. Minħabba li lista magħluqa ma tkunx konformi ma' approċċ għall-proporzjonalità msejjes fuq il-prinċipji u tista' ma tipprovdi metodi ta' kalkolu proporzjonati għall-profilu kollha tar-riskju, il-metodi simplifikati proposti f'dan id-dokument m'għandhomx jiġu interpretati bħala lista magħluqa, iżda bħala metodoloġiji possibbli li għandhom jiġu applikati.
- 1.12. Is-Sezzjoni 5 dwar il-Validazzjoni tiffoka fuq it-tipi u l-għażla tal-approċċi u l-proċessi ta' validazzjoni, it-twaqqit, il-firxa u d-dokumentazzjoni kif ukoll il-valutazzjoni tal-kontrolli li għandha titwettaq mill-impriża sabiex jivvalidaw il-provvedimenti tekniċi. L-għan ta' dawn il-linji gwida huwa li jassiguraw approċċ konsistenti għall-proċess ta' validazzjoni tal-provvedimenti tekniċi fl-Istati Membri. L-annessi tekniċi jippreżentaw xi approċċi u proċessi standard ta' validazzjoni u jissuġġerixxu meta jista' jkun xieraq li jintużaw.
- 1.13. Jekk mhumiex definiti f'dawn il-Linji gwida, it-termini għandhom it-tifsira definita fl-atti legali msemmija fl-introduzzjoni.
- 1.14. Il-Linji gwida għandhom japplikaw mill-1 ta' April 2015.

Sezzjoni 1: Kwalità tad-data

Kjarifika tal-kunċetti tal-kompletezza u tal-adeqwatezza tad-data

Linja gwida 1 – Kompletezza tad-data

- 1.15. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li d-data li tintuża fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi tkopri perjodu kbir biżżejjed ta' osservazzjonijiet li jikkarakterizzaw ir-realtà li tkun qiegħda titkejjel.
- 1.16. Sabiex iwettqu l-kalkolu tal-provvedimenti għall-premia għal obligazzjonijiet mhux tal-ħajja, l-impriżi għandhom jassiguraw li jkun hemm biżżejjed informazzjoni storika disponibbli dwar il-kost totali tal-pretensjonijiet u x-xejriet attwali tagħhom f'livell suffiċjentement granulari.
- 1.17. Sabiex iwettqu l-kalkolu tal-provvedimenti għall-pretensjonijiet pendenti, l-impriżi għandhom jassiguraw li jkun hemm biżżejjed data disponibbli biex tippermetti l-identifikazzjoni ta' mudelli rilevanti dwar l-iżvilupp tal-pretensjonijiet, u bi granularità suffiċjenti, biex tippermetti analiżi ta' dawn il-mudelli fi ħdan gruppi ta' riskju omoġenji.

Linja gwida 2 – Adegwatezza tad-data

- 1.18. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li d-data relatata ma' perjodi ta' żmien differenti tintuża b'mod konsistenti.
- 1.19. L-impriżi għandhom japplikaw aġġustamenti għad-data storika, jekk ikunu meħtieġa, sabiex iżidu l-kredibilità tagħha jew itejbu l-kwalità tagħha bħala input sabiex jiġu determinati estimi aktar affidabbli tal-provvedimenti tekniċi u sabiex jallinjawha aħjar mal-karatteristiċi tal-portafoll li jkun qed jiġi valutat u mal-iżvilupp mistenni tar-riskji fil-ġejjieni.

Rieżami u validazzjoni tal-kwalità tad-data

Linja gwida 3 – Kontrolli tad-data

- 1.20. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li l-funzjoni attwarja tivvaluta l-preċiżjoni u l-kompletezza tad-data permezz ta' sensiela suffiċjentement komprensiva ta' kontrolli biex tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-Linji gwida preċedenti u biex tippermetti s-sejbien ta' kwalunkwe nuqqas rilevanti.
- 1.21. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li l-funzjoni attwarja twettaq din il-valutazzjoni f'livell adegwatament granulari.

Linja gwida 4 – Konsiderazzjoni ta' kwalunkwe analiżi oħra li titwettaq

- 1.22. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li l-funzjoni attwarja tqis il-konklużjonijiet ta' kwalunkwe analiżi rilevanti mwettqa f'eżami estern, fejn tiġi eżaminata l-kwalità tad-data fil-kuntest tal-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi.

Linja gwida 5 - Konsiderazzjoni tal-metodoloġiji li għandhom jiġu applikati

- 1.23. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li l-funzjoni attwarja tikkunsidra r-relazzjoni bejn il-konklużjonijiet tal-analiżi tal-kwalità tad-data u l-għażla tal-metodoloġiji li għandhom jiġu applikati għall-valwazzjoni tal-provvedimenti tekniċi.
- 1.24. L-impriżi għandhom jassiguraw li l-funzjoni attwarja tanalizza safejn id-data użata tkun adegwata sabiex tappoġġa s-suppożizzjonijiet li fuqhom ikunu bbażati l-metodoloġiji li jridu jiġu applikati għall-valwazzjoni tal-provvedimenti tekniċi. Jekk id-data ma tappoġġax adegwatament il-metodoloġiji, f'dak il-każ l-impriża għandha tagħżel metodoloġija alternattiva.
- 1.25. Fil-valutazzjoni tal-kompletezza tad-data, l-impriżi għandhom jassiguraw li l-funzjoni attwarja tikkunsidra jekk in-numru ta' osservazzjonijiet u l-granularità tad-data disponibbli jkun suffiċjenti sabiex jissodisfaw ir-rekwiżit tal-input għall-applikazzjoni tal-metodoloġija.

Linja gwida 6 - Sors u użu tad-data

- 1.26. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jesigū li l-funzjoni attwarja tikkunsidra s-sors u l-użu maħsub tad-data fil-proċess ta' validazzjoni tad-data.

Linja gwida 7 – Applikazzjoni ta' ġudizzju espert

- 1.27. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li l-użu ta' ġudizzju espert fil-valutazzjoni ta' data preċiża, xierqa u sħiħa għall-użu fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi ma jiġi post il-ġbir, l-ipproċessar u l-analiżi xierqa tad-data iżda jissupplimentahom fejn ikun meħtieġ.

Linja gwida 8 - Proċess ta' validazzjoni u feedback

- 1.28. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li l-funzjoni attwarja, fi ħdan il-mandati tal-koordinament tal-provvedimenti tekniċi, tikkoordina wkoll il-valutazzjoni u l-validazzjoni tad-data rilevanti li għandha tintuża fil-proċess tal-valwazzjoni.
- 1.29. Il-kompitu ta' koordinazzjoni għandu jinkludi mill-anqas:
 - a) l-għażla tad-data li għandha tintuża fil-valwazzjoni, billi jitqiesu l-kriterji tal-preċiżjoni, l-adegwatezza u l-kompletezza tad-data fid-dawl tal-metodoloġiji li jkunu l-iżjed xierqa li jiġu applikati fil-kalkolu. Għal dan il-għan, għandhom jintużaw għodod rilevanti sabiex tiġi ċċekkjata kwalunkwe differenza materjali li tista' tinstab fid-data minn sena unika u fi ħdan analiżi oħra rilevanti;
 - b) ir-rappurtar ta' kwalunkwe rakkomandazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' titjib fil-proċeduri interni li tkun meqjusa bħala rilevanti sabiex tittejjeb il-konformità mal-kriterji stabbiliti fil-punt a);
 - c) l-identifikazzjoni ta' każijiet fejn tkun meħtieġa data esterna addizzjonali;

- d) valutazzjoni tal-kwalità tad-data esterna, kif issir għad-data interna, li tiffoka fuq jekk tkunx meħtieġa data tas-suq jew meta din għandha tintuża biex ittejjeb il-kwalità tad-data interna u jekk u kif għandu jiġi applikat titjib fid-data disponibbli;
- e) valutazzjoni ta' jekk hemmx bżonn li jiġu applikati aġġustamenti fid-data disponibbli, bħala parti mill-aħjar prattika attwarja, sabiex jiġu mtejba l-adeqwatezza u l-affidabbiltà tal-estimi derivati mill-metodoloġiji attwarji u statistiċi ta' proviżjonament, ibbażati fuq din id-data;
- f) ir-reġistrazzjoni ta' kwalunkwe intuwitu rilevanti li nkiseb fil-proċess ta' valutazzjoni u validazzjoni, li jista' jsir rilevanti għall-passi l-oħra tal-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi, u li jirrigwarda l-fehim tar-riskji sottostanti kif ukoll l-għarfien tal-kwalità u l-limitazzjonijiet tad-data disponibbli.

Limitazzjonijiet tad-data

Linja gwida 9 – Identifikazzjoni tas-sors tal-limitazzjonijiet materjali

1.30. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li l-funzjoni attwarja tivvaluta l-preċiżjoni, il-kompletezza u l-adeqwatezza tad-data sabiex tidentifika kwalunkwe limitazzjoni materjali tad-data. Jekk ikunu identifikati limitazzjonijiet materjali, għandhom jiġu identifikati wkoll is-sorsi ta' dawk il-limitazzjonijiet.

Linja gwida 10 - Impatt tan-nuqqasijiet

- 1.31. Sabiex jiġi identifikat u valutat l-impatt ta' kwalunkwe nuqqas possibbli li jista' jaffettwa l-konformità mar-rekwiżiti tal-kwalità tad-data, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li l-funzjoni attwarja tikkunsidra d-dokumentazzjoni disponibbli rilevanti kollha relatata mal-proċessi interni u l-proċeduri tal-ġbir, il-ħażna u l-validazzjoni tad-data użata għall-valwazzjoni tal-provvedimenti tekniċi u, fejn ikun meħtieġ, ifittxu informazzjoni aktar speċifika billi jikkuntattjaw lill-persunal involut f'dawn il-proċessi.
- 1.32. Barra minn hekk, l-impriżi għandhom jassiguraw li l-funzjoni attwarja tikkoordina kwalunkwe komputu rilevanti li jista' jitwettaq biex jiġi valutat l-impatt tan-nuqqasijiet identifikati dwar id-data disponibbli li għandha tintuża fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi sabiex jinkisbu sejbiet dwar jekk id-data disponibbli għandhiex tintuża għall-iskop maħsub jew jekk għandhiex titfittex data alternattiva.

Linja gwida 11 – Aġġustamenti tad-data

1.33. Fejn ikunu identifikati nuqqasijiet fid-data, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li l-funzjoni attwarja tivvaluta jekk il-kwalità tad-data, meta jitqies l-iskop tagħha, tistax tiġi mtejba billi tiġi aġġustata jew supplimentata.

- 1.34. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li jimplimentaw miżuri xierqa biex jegħlbu l-limitazzjonijiet tad-data li jirriżultaw mill-iskambju ta' informazzjoni ma' sħab kummerċjali.
- 1.35. Meta tintuża data esterna, l-impriżi għandhom jassiguraw li d-data tibqa' konformi mal-istandards stabbiliti f'dawn il-linji gwida rigward il-kwalità tad-data.
- 1.36. L-impriżi għandhom jiddeċiedu jekk huwiex possibbli li jaġġustaw id-data biex jegħlbu n-nuqqasijiet li jaffettwaw il-kwalità tad-data u, jekk applikabbli, x'aġġustamenti speċifiċi għandhom jiġu introdotti.
- 1.37. L-impriżi għandhom jassiguraw li l-aġġustamenti jkunu limitati għal-livell strettament meħtieġ sabiex itejbu l-konformità mal-kriterji stabbiliti fil-linji gwida preċedenti u ma jfixklux l-identifikazzjoni tax-xejriet u kwalunkwe karatteristika oħra rigward ir-riskji sottostanti riflessi fid-data.

Linja gwida 12 – Rakkomandazzjonijiet tal-funzjoni attwarja

- 1.38. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li l-funzjoni attwarja tipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-korp amministrattiv dwar il-proċeduri li jistgħu jitwettqu sabiex tiżdied il-kwalità u l-kwantità tad-data disponibbli. Biex twettaq dan il-kompitu, il-funzjoni attwarja għandha tidentifika s-sorsi tal-limitazzjonijiet materjali u tipproponi soluzzjonijiet possibbli b'kont meħud tal-effikaċja tagħhom u ż-żmien meħtieġ għall-implimentazzjoni tagħhom.

Linja gwida 13 – Applikazzjoni ta' ġudizzju espert dwar il-limitazzjonijiet materjali

- 1.39. Fejn ikun hemm limitazzjonijiet materjali għad-data li ma jkunux jistgħu jiġu rimedjati mingħajr kumplessità eċċessiva, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li jiġi applikat ġudizzju espert biex jingħelbu dawn il-limitazzjonijiet sabiex ikun assigurat li l-provvedimenti tekniċi jiġu kkalkulati b'mod xieraq. Il-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi m'għandux jiġi indebolit b'riżultat ta' data mhux preċiża jew inkompleta.

Linja gwida 14 – Dokumentazzjoni tal-limitazzjonijiet tad-data

- 1.40. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li l-funzjoni attwarja tidokumentata l-limitazzjonijiet tad-data, billi tinkludi mill-anqas:
 - (a) Deskrizzjoni tan-nuqqasijiet li tinkludi l-kawżi tagħhom u kwalunkwe referenza għal dokumenti oħra fejn kienu identifikati;
 - (b) Spjegazzjoni fil-qosor dwar l-impatt tan-nuqqasijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi rigward il-materjalità tagħhom u l-mod kif jaffettwaw dan il-proċess;
 - (c) Deskrizzjoni tal-azzjonijiet meħuda mill-funzjoni attwarja biex issib in-nuqqasijiet, b'mod kumplimentari jew le ma' sorsi u dokumenti oħra;

- (d) Deskrizzjoni ta' kif dawn is-sitwazzjonijiet jistgħu jiġu rimedjati fi żmien qasir għall-iskop maħsub u kwalunkwe rakkomandazzjoni rilevanti li għandha tiġi applikata sabiex titjieb il-kwalità tad-data fil-ġejjieni.

Data tas-suq

Linja gwida 15 – Użu ta' data tas-suq

- 1.41. Fil-valwazzjoni ta' obligazzjonijiet li jiddependu direttament fuq l-imġiba tas-swieq finanzjarji jew f'każijiet fejn il-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi jeħtieġ l-input ta' data minn sors estern, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom ikunu kapaċi juru li d-data esterna hija aktar xierqa mid-data interna għall-għan maħsub. L-impriżi għandhom jassiguraw li d-data esterna pprovduta minn partijiet terzi jew id-data tas-suq jikkumplimentaw id-data interna disponibbli.
- 1.42. Minkejja l-livell ta' dipendenzi tal-obbligazzjonijiet fuq il-kundizzjonijiet tas-suq jew il-livell tal-kwalità fir-rigward tad-data interna disponibbli, l-impriżi għandhom jikkunsidraw parametri referenzjarji esterni rilevanti fejn ikun xieraq. Id-data esterna għandha tkun parti mill-analiżi sabiex tiġi valutata l-konformità ġenerali mar-rekwiżiti dwar il-kwalità tad-data.

Linja gwida 16 - Kundizzjonijiet dwar id-data tas-suq

- 1.43. Sabiex iwettqu l-valutazzjoni tal-livell ta' preċiżjoni, adegwatezza u kompletezza tad-data esterna, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li l-funzjoni attwarja tkun taf u fl-analiżi tagħha tikkunsidra l-affidabbiltà tas-sorsi tal-informazzjoni u l-konsistenza u l-istabbiltà tal-proċess tagħha ta' kif tiġbor u tippubblika l-informazzjoni maż-żmien.
- 1.44. Barra minn hekk, l-impriżi għandhom jassiguraw li l-funzjoni attwarja tikkunsidra s-suppożizzjonijiet realistiċi u l-metodoloġiji rilevanti kollha użati sabiex tinkiseb id-data, inklużi kwalunkwe aġġustament jew simplifikazzjoni applikati għad-data mhux ipproċessata. Il-funzjoni attwarja għandha tkun taf bi, u tikkunsidra, kwalunkwe tibdil li jkun sar maż-żmien fid-data esterna, irrISPettivament minn jekk dak it-tibdil jirrigwardax is-suppożizzjonijiet jew il-metodoloġiji assoċjati jew kwalunkwe proċedura oħra rigward il-ġbir tad-data esterna.
- 1.45. Barra minn hekk, kull meta tkun aċċessibbli u adegwata, l-impriżi għandhom jassiguraw li l-funzjoni attwarja tkejjel il-kwalità tad-data disponibbli fil-kuntest tal-analiżi tal-proviżjonament fir-rigward ta' data disponibbli mill-industrija jew mis-suq li tkun meqjusa komparabbli, u b'mod partikolari skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 76(3) tas-Solvibbiltà II. Kwalunkwe devjazzjoni materjali għandha tkun identifikata u mifhuma mill-funzjoni attwarja. Din l-analiżi tista' tirreferi għall-ispeċifitàjiet tal-grupp ta' riskju omoġenju partikolari li jkun qed jiġi valwat.

Sezzjoni 2: Segmentazzjoni u separazzjoni

Linja gwida 17 - Segmentazzjoni tal-obbligi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li joħorġu minn kuntratti ta' assicurazzjoni tas-saħħa u kuntratti ta' assicurazzjoni oħra mhux tal-ħajja

- 1.46. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li l-obbligi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li joħorġu minn kuntratti ta' assicurazzjoni tas-saħħa u kuntratti ta' assicurazzjoni oħra mhux tal-ħajja għandhom jiġu segmentati f'linji tan-negozju meta tali obbligi jkunu esposti għal riskji bijometriċi (jiġifieri l-mortalità, il-lonġevità jew id-diżabilità jew il-morbidità) u meta t-tekniki komuni li jintużaw għall-valutazzjoni ta' dawn l-obbligi jikkunsidraw b'mod espliċitu l-imġiba tal-varjabbli li fuqhom ikunu bbażati dawn ir-riskji.
- 1.47. Fejn l-obbligi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tas-saħħa jiġu kkalkulati skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 206 tas-Solvibbiltà II, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li dawn l-obbligi jitqiesu li jkunu segwiti fuq bażi teknika simili għal dik tal-assigurazzjoni tal-ħajja u għalhekk jiġu assenjati għal-linji tan-negozju dwar il-ħajja.

Linja gwida 18 - Tibdil fis-segmentazzjoni tal-obbligi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja

- 1.48. L-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li l-obbligi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li oriġinarjament kienu segmentati f'linji tan-negozju mhux tal-ħajja u, b'riżultat tal-okkorrenza ta' avveniment assigurat jinbidlu f'obbligi ta' assicurazzjoni jew ta' riassigurazzjoni tal-ħajja, għandhom jiġu valutati bl-użu ta' tekniki tal-ħajja li jqisu b'mod espliċitu l-imġiba tal-varjabbli li fuqhom ikunu bbażati r-riskji bijometriċi u jiġu assenjati għal-linji tan-negozju rilevanti tal-ħajja malli jkun hemm informazzjoni suffiċjenti biex daww l-obbligi jiġu valutati bl-użu ta' tekniki tal-ħajja.

Linja gwida 19 - Stabbiliment u valutazzjoni tal-adegwatezza ta' grupp ta' riskju omoġenju

- 1.49. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jikkalkulaw il-provvedimenti tekniċi billi jużaw gruppi ta' riskju omoġenji sabiex joħorġu s-suppożizzjonijiet.
- 1.50. Grupp ta' riskju omoġenju jinkludi ġabra ta' politiki b'karatteristiċi simili tar-riskju. Fl-għażla ta' grupp ta' riskju omoġenju, l-impriżi għandhom jiksibu bilanċ xieraq bejn il-kredibilità tad-data disponibbli, sabiex tkun tista' ssir analiżi statistika affidabbli, u l-omoġeneità tal-karatteristiċi tar-riskju fi ħdan il-grupp. L-impriżi għandhom jiddefinixxu l-gruppi ta' riskju omoġenji b'mod li dawn ikunu mistennija li jkunu raġonevolment stabbli maż-żmien.
- 1.51. Fejn ikun meħtieġ, għad-derivazzjoni tar-riskji, l-impriżi għandhom jikkunsidraw fost l-oħrajn l-elementi li ġejjin:

- a) il-politika ta' sottoskrizzjoni;
- b) il-mudell ta' saldu tal-pretensjonijiet;
- c) il-profil tar-riskju tad-detenturi ta' polza;
- d) il-karatteristiċi tal-prodott, b'mod partikolari l-garanziji;
- e) l-azzjonijiet futuri tal-maniġment.

1.52. L-impriżi għandhom jassiguraw il-konsistenza bejn il-gruppi ta' riskju omoġenji li jużaw biex jivvalutaw il-gross tagħhom ta' provvedimenti tekniċi tar-riassigurazzjoni u r-rekuperabbli tar-riassigurazzjoni tagħhom.

Linja gwida 20 - Kalkoli fil-livell ta' politiki raggruppati

1.53. Sabiex jikkalkulaw il-provvedimenti tekniċi u jagħmlu projezzjonijiet tal-flussi tal-flus, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom japplikaw is-suppożizzjonijiet derivati fil-livell tal-gruppi ta' riskju omoġenji għal politiki individwali jew politiki raggruppati, meta r-raggruppamenti jistgħu jkunu iżjed granulari minn gruppi ta' riskju omoġenji.

Linja gwida 21 - Separazzjoni ta' kuntratti ta' assicurazzjoni jew ta' riassigurazzjoni li jkopru riskji multipli

1.54. Fejn kuntratt ta' assicurazzjoni jew ta' riassigurazzjoni jkopri riskji f'diversi linji tan-negozju, ma tkunx meħtieġa separazzjoni tal-obbligi meta wieħed mir-riskji biss koperti mill-kuntratt ikun materjali. F'dan il-każ, l-obbligi relatati mal-kuntratt għandhom jiġu segmentati skont il-motivatur prinċipali tar-riskju.

Linja gwida 22 - Granularità tas-segmentazzjoni

1.55. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom janalizzaw jekk il-granularità tas-segmentazzjoni tal-obbligi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tirriflettix adegwament in-natura tar-riskji. Din is-segmentazzjoni għandha tikkunsidra d-dritt tad-detentur ta' polza għal parteċipazzjoni fil-profitti, l-opzjonijiet u l-garanziji inkorporati fil-kuntratti u l-motivaturi tar-riskju rilevanti tal-obbligi.

Linja gwida 23 – Segmentazzjoni fir-rigward tal-provvedimenti għall-premia u l-provvedimenti għall-pretensjonijiet

1.56. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jikkunsidraw kemm in-natura tar-riskji sottostanti li jkunu qegħdin jiġu evalwati flimkien, kif ukoll il-kwalità tad-data meta jagħżlu l-gruppi ta' riskju omoġenji għall-kalkoli tal-provvedimenti għall-premia u l-provvedimenti għall-pretensjonijiet.

Sezzjoni 3: Suppożizzjonijiet

Linja gwida 24 - Konsistenza tas-suppożizzjonijiet

1.57. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li s-suppożizzjonijiet użati fid-determinazzjoni tal-provvedimenti tekniċi, il-fondi proprji u r-rekwiżit kapitali tas-solvenza, ikunu konsistenti.

Fatturi ta' riskju bijometriċi

Linja gwida 25 – Immudellar tal-fatturi ta' riskju bijometriċi

1.58. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jikkunsidraw jekk approċċ deterministiku jew stokastiku huwiex proporzjonat għall-immudellar tal-inċertezza tal-fatturi ta' riskju bijometriċi.

1.59. L-impriżi għandhom jikkunsidraw id-durata tal-obbligazzjonijiet meta jivvalutaw jekk metodu li jinjora l-bidliet futuri mistennija fil-fatturi ta' riskju bijometriċi, huwiex proporzjonat, b'mod partikolari fil-valutazzjoni tal-iżball imdaħħal fir-riżultat mill-metodu.

1.60. Meta jkunu qegħdin jivvalutaw jekk metodu li jassumi li l-fatturi ta' riskju bijometriċi huma indipendenti minn kwalunkwe varjabbli ieħor, huwiex proporzjonat, l-impriżi għandhom jassiguraw li l-ispeċifitajiet tal-fatturi ta' riskju jittieħdu inkonsiderazzjoni. Għal dan il-għan, il-valutazzjoni tal-livell ta' korrelazzjoni għandha tkun ibbażata fuq data storika u ġudizzju espert, kif stabbilit fil-linji gwida dwar il-ġudizzju espert.

Linja gwida 26 – Spejjeż għall-iħħeġġjar

1.61. Għal impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jużaw programm ta' iħħeġġjar biex jimmitigaw ir-riskji, l-ispejjeż tal-programm tal-iħħeġġjar għandhom jiġu kkunsidrati fil-valwazzjoni tal-provvedimenti tekniċi. It-tiġrib mistenni ta' dawn l-ispejjeż għandu jkun rifless fid-dħul ta' flus u l-ħruġ ta' flus proġettati li jkunu meħtieġa sabiex jiġu saldati l-obbligi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni.

Linja gwida 27 – Disponibbiltà ta' data mis-suq

1.62. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jivvalutaw id-disponibbiltà ta' data rilevanti tas-suq dwar l-ispejjeż billi jikkunsidraw ir-rappreżentanza tad-data tas-suq fir-rigward tal-portafoll tal-obbligi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, u l-kredibilità u l-affidabbiltà tad-data.

Linja gwida 28 – Spejjeż ikkunsidrati fuq termini kuntrattwali

1.63. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li l-ispejjeż li jkunu determinati b'kuntratti bejn l-impriża u partijiet terzi jitqiesu abbażi tat-termeni tal-kuntratt. B'mod partikolari, il-kummissjonijiet li jirriżultaw minn kuntratti ta' assicurazzjoni jiġu kkunsidrati fuq il-bażi tat-termeni tal-kuntratti bejn l-impriżi u s-sales persons, u l-ispejjeż fir-rigward tar-

riassigurazzjoni jiġu kkunsidrati fuq il-bażi tal-kuntratti bejn l-impriża u r-riassiguraturi tagħha.

Allokazzjoni tal-ispejjeż

Linja gwida 29 – Granularità tal-allokazzjoni tal-ispejjeż

1.64. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jallokaw l-ispejjeż fi gruppi ta' riskju omoġenji, bħala minimu skont il-linja tan-negozju, skont is-segmentazzjoni tal-obbligi tagħhom użati fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi.

Linja gwida 30 – Tqassim tal-ispejjeż ġenerali

1.65. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jallokaw l-ispejjeż ġenerali b'mod realistiku u oġġettiv, u għandhom jibbażaw l-allokazzjoni fuq analiżijiet riċenti tal-operazzjonijiet tan-negozju, fuq l-identifikazzjoni ta' motivaturi xierqa tal-ispejjeż u fuq proporzjonijiet rilevanti tat-tqassim tal-ispejjeż.

1.66. Mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-proporzjonalità u l-ewwel paragrafu ta' din il-linja gwida, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jikkunsidraw li jużaw, sabiex jallokaw l-ispejjeż ġenerali, is-simplifikazzjoni deskritta fl-Anness Tekniku I, meta jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- a) l-impriża ssegwi negozju rinnovabbli kull sena;
- b) it-tiġdid irid ikun ikkunsidrat bħala negozju ġdid skont il-limiti tal-kuntatt ta' assigurazzjoni;
- c) il-pretensjonijiet iseħħu b'mod uniformi matul il-perjodu tal-kopertura.

Linja gwida 31 – Bdil tal-approċċ għall-qsim tal-ispejjeż ġenerali

1.67. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jallokaw l-ispejjeż ġenerali għan-negozji eżistenti u futuri fuq bażi konsistenti maż-żmien, u għandhom ibiddu l-bażi tal-allokazzjoni biss jekk approċċ ġdid jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni kurrenti.

Projezzjoni tal-Ispejjeż

Linja gwida 32 – Konsistenza tal-ispejjeż ma' flussi tal-flus oħra

1.68. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jallokaw spejjeż fil-projezzjoni tal-flussi tal-flus sabiex it-twaqqit tal-flussi tal-flus tal-ispejjeż ikun konsistenti mat-twaqqit ta' dħul ta' flus u ħruġ ta' flus ieħor li jkun meħtieġ sabiex jiġu saldati l-obbligi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni.

Linja gwida 33 – Bidliet fl-ispejjeż

1.69. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li s-suppożizzjonijiet fir-rigward tal-evoluzzjoni tal-ispejjeż maż-żmien, inklużi

spejjeż futuri li jirriżultaw minn impenji magħmula fid-data tal-valwazzjoni jew qabel, ikunu xierqa u jqisu n-natura tal-ispejjeż involuti. L-impriżi għandhom jagħmlu konċessjoni għall-inflazzjoni li tkun konsistenti mas-suppożizzjonijiet ekonomiċi magħmula.

Linja gwida 34 – Simplifikazzjonijiet fir-rigward tal-ispejjeż

- 1.70. Meta jkunu qegħdin jivvalutaw in-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji li fuqhom ikunu bbażati l-ispejjeż li jitqiesu fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jikkunsidraw, fost affarijiet oħra, l-inċertezza ta' flussi tal-flus futuri għall-ispejjeż, u kwalunkwe avveniment li jista' jbidel l-ammont, il-frekwenza u s-severità tal-flussi tal-flus għall-ispejjeż.
- 1.71. L-impriżi għandhom jikkunsidraw ukoll it-tip ta' spejjeż u l-grad ta' korrelazzjoni bejn it-tipi ta' spejjeż differenti.
- 1.72. Meta jużaw simplifikazzjoni għall-projezzjoni tal-ispejjeż fuq il-bażi ta' mudell li juża informazzjoni dwar ammonti kurrenti u mgħoddija ta' spejjeż sabiex jiġu proġettati l-ammonti ta' spejjeż futuri fosthom l-inflazzjoni, l-impriżi għandhom janalizzaw l-ispejjeż attwali u mgħoddija, billi jikkunsidraw, fost affarijiet oħra, fejn iseħħu l-ispejjeż u l-fatturi li jinfluwenzaw l-ispejjeż. Fil-valutazzjoni tal-proporzjonalità, l-impriżi għandhom jinkludu analiżi ta' kif l-ispejjeż ikunu relatati mad-daqs u n-natura tal-portafolji tal-assigurazzjoni. L-impriżi m'għandhomx japplikaw is-simplifikazzjoni meta l-ispejjeż ikunu nbidlu b'mod sostanzjali jew ikunu mistennija li ma jkoprox l-ispejjeż kollha iżda parti biss mill-ispejjeż meħtieġa sabiex jiġu saldati l-obbligi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.

Trattament tal-garanziji finanzjarji u l-opzjonijiet kuntrattwali

Linja gwida 35 – Imposti għal opzjonijiet inkorporati

- 1.73. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jikkunsidraw b'mod espliċitu l-ammonti ċċarġjati lid-detenturi ta' polza b'rabta ma' opzjonijiet inkorporati.

Linja gwida 36 - Adegwatezza tas-suppożizzjonijiet

- 1.74. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li s-suppożizzjonijiet użati fil-valwazzjoni tal-opzjonijiet kuntrattwali u l-garanziji finanzjarji jkunu konsistenti mad-data kurrenti tas-suq, il-prattika kurrenti tas-suq, l-imġiba tad-detenturi ta' polza u tal-maniġment speċifika għall-karatteristiċi tan-negozju u l-impriża. L-impriżi għandhom jikkunsidraw ukoll l-impatt ta' kundizzjonijiet u xejriet avversi tas-suq u jstabilixxu proċess regolari sabiex jaġġornaw u jassiguraw li daww is-suppożizzjonijiet ikunu għadhom realistiki meta titqies l-informazzjoni addizzjonali kollha mill-aħħar kalkolu tal-provvedimenti tekniċi.

Linja gwida 37 - Suppożizzjonijiet dwar l-imġiba tad-detenturi ta' polza

1.75. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li s-suppożizzjonijiet relatati mal-imġiba tad-detenturi ta' polza jkunu bbażati fuq evidenza statistika u empirika, fejn disponibbli. L-impriżi għandhom jikkunsidraw il-grad li bih id-detenturi ta' polza jeżerċitaw l-opzjonijiet kuntrattwali b'mod finanzjarjament razzjonali meta joħroġu tali suppożizzjonijiet. Għal dan il-għan, l-impriżi għandhom jikkunsidraw l-għarfien tad-detenturi ta' polza dwar il-valur tal-opzjonijiet ta' politika u r-reazzjonijiet possibbli tad-detenturi ta' polza għall-pożizzjoni finanzjarja li tinbidel tal-impriża.

Azzjonijiet futuri tal-maniġment

Linja gwida 38 – Konċessjoni għal azzjonijiet futuri tal-maniġment

1.76. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom ikunu kapaċi jipprovdu ġustifikazzjoni adegwata fejn l-azzjonijiet futuri tal-maniġment jiġu injorati fuq il-bażi tal-materjalità.

Linja gwida 39 - Konsistenza tal-azzjonijiet tal-maniġment ma' suppożizzjonijiet oħra

1.77. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jikkunsidraw l-impatt tal-azzjonijiet assunti tal-maniġment fuq suppożizzjonijiet oħra fi ħdan ċertu xenarju ta' valwazzjoni. B'mod partikolari, l-impriżi għandhom jikkunsidraw l-effetti ta' ċerta azzjoni tal-maniġment fuq l-imġiba tad-detenturi ta' polza jew fuq l-ispejjeż relatati. L-impriżi għandhom jikkunsidraw ir-restrizzjonijiet legali jew regolatorji rilevanti fuq l-azzjoni tal-maniġment. Barra minn hekk, għal xenarju partikolari, l-impriżi għandhom jassiguraw li l-azzjonijiet futuri assunti tal-maniġment jirriflettu l-bilanċ, li jkun konsistenti mal-ippjanar korporattiv, bejn il-grad ta' kompetittività u r-riskju ta' żbalji dinamiċi.

Linja gwida 40 – Interrelazzjoni ma' impriża ċedenti

1.78. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jikkunsidraw l-azzjonijiet futuri tal-maniġment fuq l-impriża ċedenti bħala mġiba ta' detentur ta' polza, u jistmaw il-provvedimenti tekniċi tagħha fuq il-bażi ta' suppożizzjonijiet raġonevoli għall-imġiba taċ-ċedent.

Benefiċċji diskrezzjonali futuri

Linja gwida 41 – Konċessjoni għall-benefiċċji diskrezzjonali futuri

1.79. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jikkunsidraw l-benefiċċji diskrezzjonali futuri li jkunu mistennija li jsiru, irrispettivament minn jekk tali pagamenti jkunux garantiti b'kuntratt. L-impriżi għandhom jassiguraw li l-valutazzjoni tal-valur tal-benefiċċji diskrezzjonali futuri tqis ir-restrizzjonijiet

legali u kuntrattwali rilevanti kollha, l-arranġamenti eżistenti għall-parteċipazzjoni fil-profitti kif ukoll kwalunkwe pjanijiet għad-distribuzzjoni tal-profitti.

Linja gwida 42 - Suppożizzjonijiet dwar benefiċċji diskrezzjonali futuri

1.80. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li s-suppożizzjonijiet fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-benefiċċji diskrezzjonali futuri jkunu derivati b'mod oġġettiv, realistiku u verifikabbli li jiġbor fih il-prinċipji u l-prattiki adottati mill-impriża sabiex tipprovdni kuntratti ta' assicurazzjoni b'parteċipazzjoni fil-profitti. Fejn id-distribuzzjoni ta' benefiċċji diskrezzjonali futuri tkun relatata mal-pożizzjoni finanzjarja tal-impriża, is-suppożizzjonijiet għandhom jirriflettu l-interazzjoni bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-impriża.

Linja gwida 43 - Suppożizzjonijiet fir-rigward tal-immudellar tad-distribuzzjoni tal-benefiċċji diskrezzjonali futuri

1.81. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jikkunsidraw analiżi komprensiva tal-esperjenza, il-prattika u l-mekkaniżmu ta' distribuzzjoni mgħoddija meta jkunu qegħdin jivvalutaw il-proporzjonalità ta' metodu simplifikat li jintuża sabiex jiġu determinati l-benefiċċji diskrezzjonali futuri.

Sezzjoni 4: Metodoloġiji għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi

Valutazzjoni tal-proporzjonalità

Linja gwida 44 - Prinċipju ġenerali tal-proporzjonalità

1.82. Sabiex ikollhom valutazzjoni ġenerali tar-riskji li fuqhom ikunu bbażati l-obbligi tagħhom tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jikkunsidraw l-interrelazzjoni b'saħħitha bejn in-natura, l-iskala u l-kumplessità ta' dawn ir-riskji.

1.83. L-impriżi għandhom jassiguraw li l-funzjoni attwarja tkun kapaċi tispjega liema metodi jkunu qegħdin jintużaw għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi u r-raġuni għaliex jintużaw dawk il-metodi.

Linja gwida 45 - Valutazzjoni tan-natura u l-kumplessità tar-riskji

1.84. Meta jkunu qegħdin jivvalutaw in-natura u l-kumplessità tar-riskji li fuqhom ikunu bbażati l-kuntratti ta' assicurazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 56 (2)(a) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jikkunsidraw, tal-anqas, il-karatteristiċi li ġejjin, fejn applikabbli:

(a) il-grad ta' omoġeneità tar-riskji;

(b) il-varjetà ta' sottoriskji jew komponenti tar-riskju differenti li minnhom ikun iffurmat ir-riskju;

(c) il-mod kif dawn is-sottoriskji jkunu interrelatati ma' xulxin;

- (d) il-livell ta' inċertezza, jiġifieri safejn jistgħu jiġu stmati l-flussi tal-flus fil-ġejjieni;
- (e) in-natura tal-okkorrenza jew il-kristallizzazzjoni tar-riskju f'termini ta' frekwenza u severità;
- (f) it-tip tal-iżvilupp tal-pagamenti tal-pretensjonijiet maż-żmien;
- (g) id-daqs tat-telf potenzjali, inkluż il-limitazzjoni tad-distribuzzjoni tal-pretensjonijiet;
- (h) it-tip ta' negozju li minnu joriġinaw ir-riskji, jiġifieri negozju dirett jew negozju tar-riassigurazzjoni;
- (i) il-grad ta' dipendenza bejn tipi differenti ta' riskji, inkluż il-limitazzjoni tad-distribuzzjoni tar-riskji;
- (j) l-istrumenti ta' mitigazzjoni tar-riskji li jiġu applikati, jekk ikun hemm, u l-impatt tagħhom fuq il-profil tar-riskju sottostanti.

Linja gwida 46 – Identifikazzjoni ta' strutturi ta' riskju kumplessi

1.85. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jidentifikaw il-fatturi li jindikaw il-preżenza ta' riskji kumplessi. Dan għandu jkun mill-anqas il-każ fejn:

- (a) il-flussi tal-flus ikunu dipendenti ħafna fuq il-mogħdija;
- (b) ikun hemm interdipendenzi non-lineari sinifikanti bejn diversi motivaturi tal-inċertezza;
- (c) il-flussi tal-flus ikunu materjalment affettwati mill-azzjonijiet futuri potenzjali tal-maniġment;
- (d) ir-riskji jkollhom impatt asimetriku sinifikanti fuq il-valur tal-flussi tal-flus, b'mod partikolari jekk il-kuntratti jinkludu opzjonijiet materjali inkorporati u garanziji jew jekk ikun hemm fis-seħħ kuntratti ta' riassigurazzjoni kumplessi;
- (e) il-valur tal-opzjonijiet u l-garanziji jkun affettwat mill-imġiba tad-detenturi ta' polza;
- (f) l-impriża tuża strument ta' mitigazzjoni tar-riskji kumpless;
- (g) varjetà ta' koperturi ta' natura differenti jkunu miġburin flimkien fil-kuntratti;
- (h) it-termini tal-kuntratti jkunu kumplessi, fost affarijiet oħra, f'termini ta' franchises, parteċipazzjonijiet, kriterji ta' inklużjoni u ta' esklużjoni tal-kopertura.

Linja gwida 47 – Valutazzjoni tal-iskala tar-riskji

1.86. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jidentifikaw u jużaw interpretazzjoni tal-iskala li tkun l-aktar adatta għaċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-impriża u għall-profil tar-riskju tal-portafoll tagħha. Madankollu, il-

valutazzjoni tal-“iskala” għandha twassal għal valutazzjoni oġġettiva u affidabbli.

- 1.87. Sabiex ikejlu l-iskala tar-riskji, l-impriżi għandhom jistabbilixxu punt ta' riferiment jew livell ta' referenza speċifiku għall-impriża, li jwassal għal numru ta' valutazzjoni relattiv pjuttost milli assolut. Għal dan il-għan, ir-riskji jistgħu jiġu kkunsidrati f' medda minn żgħar sa kbar meta mqabbla mal-punt ta' riferiment stabbilit.

Linja gwida 48 – Granularità tal-valutazzjoni tal-materjalità

- 1.88. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jistabbilixxu l-iżjed livell xieraq li bih għandha titwettaq valutazzjoni tal-materjalità għall-finijiet tal-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi, li jista' jkun il-gruppi ta' riskju omoġenju individwali, il-linji tan-negozju individwali jew in-negozju sħiħ tal-assiguratur.
- 1.89. Meta jkunu qegħdin jivvalutaw il-materjalità, l-impriżi għandhom iqisu li riskju li ma jkunx materjali fir-rigward tan-negozju sħiħ tal-assiguratur, xorta jista' jkollu impatt sinifikanti fi ħdan segment iżgħar.
- 1.90. Barra minn hekk, l-impriżi m'għandhomx janalizzaw il-provvedimenti tekniċi f'iżolament iżda kwalunkwe effett fuq il-fondi proprji u għalhekk fuq il-karta bilanċjali tas-solvenza totali kif ukoll fuq ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, għandu jiġi kkunsidrat f'din il-valutazzjoni.

Linja gwida 49 – Konsegwenzi ta' żball materjali identifikat fil-valutazzjoni tal-proporzjonalità

- 1.91. Fejn ma jkunx jista' jiġi evitat li l-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni tuża metodu li jwassal għal livell ta' żball materjali, l-impriża għandha tiddokumenta dan u tikkunsidra l-implikazzjonijiet fir-rigward tal-affidabbiltà tal-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi u l-pożizzjoni tas-solvenza ġenerali tagħha. B'mod partikolari l-impriża għandha tivvaluta jekk il-livell materjali tal-iżball ikunux indirizzat adegwament fl-istabbiliment tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u għaldaqstant fl-istabbiliment tal-marġini ta' riskju fil-provvedimenti tekniċi.

Metodi applikati għall-kalkoli tal-provvedimenti tekniċi matul is-sena

Linja gwida 50 – Kalkolu simplifikat tal-provvedimenti tekniċi matul is-sena

- 1.92. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jużaw simplifikazzjonijiet, pereżempju s-simplifikazzjoni deskritta fl-Anness Tekniku VI, soġġett għall-valutazzjoni tal-proporzjonalità, fil-kalkoli ta' kull tliet xhur tal-provvedimenti tekniċi.

Linja gwida 51 - Komputazzjoni tal-aqwa estimu għall-provvedimenti tekniċi ta' kull tliet xhur għall-ħajja u mhux għall-ħajja

- 1.93. Għall-kalkolu ta' kull tliet xhur tal-aqwa estimu tal-provvedimenti tekniċi, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jagħmlu kalkolu roll-

forward, billi jqisu l-flussi tal-flus li jkunu seħħew matul il-kwart u l-obbligi ġodda li jinħolqu matul il-kwart. L-impriża għandha taġġorna s-suppożizzjonijiet tal-metodu ta' kalkolu roll-forward meta l-analiżi ta' dak li fil-fatt seħħ meta mqabbel ma' dak li kien mistenni li jseħħ, tindika li seħħew bidliet sinifikanti matul il-kwart.

Linja gwida 52 - Komputazzjoni tal-aqwa estimu għall-provvedimenti tekniċi ta' kull tliet xhur għall-ħajja

1.94. Għall-kalkolu roll-forward ta' kull tliet xhur, tal-aqwa estimu tal-provvedimenti tekniċi tal-ħajja għal kuntratti marbuta ma' indiċi, kuntratti marbuta ma' unitajiet, kuntratti bil-profitti jew kuntratti b'garanziji finanzjarji, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jużaw l-analiżi tas-sensittività kif mitlub fl-Artikolu 272(5) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni sabiex jivvalutaw is-sensittività tal-aqwa estimu għall-parametri finanzjarji rilevanti. Huma għandhom jiddokumentaw l-għażla tas-sett ta' parametri finanzjarji u l-adeqwatezza kontinwa tagħhom għall-portafoll tal-assi tagħhom, kif ukoll ir-rilevanza u l-preċiżjoni tal-analiżi tas-sensittività.

Metodoloġiji għall-valwazzjoni tal-opzjonijiet kuntrattwali u l-garanziji finanzjarji

Linja gwida 53 - Deċiżjoni dwar il-metodoloġija

1.95. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li l-valwazzjoni tal-opzjonijiet kuntrattwali u tal-garanziji finanzjarji tkun ibbażata fuq metodoloġiji attwarji u statistiċi adegwati, applikabbli u rilevanti li jqisu l-iżviluppi f'dan il-qasam.

1.96. L-impriżi għandhom jassiguraw li jiġu kkunsidrati mill-anqas l-aspetti li ġejjin meta jkunu qegħdin jiddeċiedu dwar metodoloġija sabiex jiġi stabbilit il-valur tal-opzjonijiet kuntrattwali u tal-garanziji finanzjarji:

- (a) In-natura, l-iskala u l-komplessità tar-riskji sottostanti u l-interdipendenza tagħhom matul il-ħajja tal-kuntratti;
- (b) Intuwiti possibbli dwar in-natura tal-opzjonijiet u l-garanziji u l-motivaturi prinċipali tagħhom;
- (c) Eżami komprensiv dwar il-ħtieġa li tiġi inkluża komplessità komputazzjonali addizzjonali u kumplessa;
- (d) Ġustifikazzjoni dwar l-adeqwatezza tal-metodu.

Linja gwida 54 – Metodoloġiji għall-valwazzjoni tal-opzjonijiet kuntrattwali u l-garanziji finanzjarji

1.97. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom japplikaw il-valutazzjoni tal-proporzjonalità msemmija fl-Artikolu 56 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni meta jikkunsidraw l-użu ta' approċċ b'formula magħluqa jew approċċ stokastiku għall-valwazzjoni tal-opzjonijiet kuntrattwali u l-garanziji finanzjarji inklużi fil-kuntratti ta' assicurazzjoni.

- 1.98. Kull meta ma jkun jista' jintuża l-ebda wieħed minn dawn il-metodi, l-impriżi jistgħu, bħala l-aħħar alternattiva, jużaw approċċ li jikkonsisti fil-passi li ġejjin:
- (a) Analiżi tal-karatteristiċi tal-opzjoni jew tal-garanzija u ta' kif din taffettwa l-flussi tal-flus;
 - (b) Analiżi tal-ammont li l-opzjoni jew il-garanzija jkunu mistennija li jkunu attwalment favorevoli jew sfavorevoli;
 - (c) Determinazzjoni tal-kost li l-opzjoni jew il-garanzija jkunu mistennija li jvarjaw maż-żmien;
 - (d) Stima tal-probabbiltà li l-opzjoni jew il-garanzija jsiru aktar jew inqas għaljin fil-ġejjieni.

Ġeneraturi ta' Xenarji Ekonomiċi (ESG)

Linja gwida 55 - Dokumentazzjoni tal-ESG

- 1.99. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom ikunu lesti li jaqsmu d-dokumenti li ġejjin mas-superviżuri meta jiġu mitluba:
- (a) il-mudelli matematiċi li fuqhom ikun ibbażat l-ESG u r-raġuni għall-għażla tagħhom;
 - (b) il-valutazzjoni tal-kwalità tad-data;
 - (c) il-proċess ta' kalibrazzjoni;
 - (d) il-parametri li jirriżultaw mill-proċess ta' kalibrazzjoni (speċjalment dawk li jikkorrispondu għall-volatilità u l-korrelazzjoni mal-motivaturi tar-riskju tas-suq);

Linja gwida 56 - Fehim ġenerali tal-ESG

- 1.100. Fejn l-ESG ikun esternalizzat, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li jkollhom fehim xieraq tal-mudelli matematiċi li fuqhom ikun ibbażat l-ESG u tal-proċess ta' kalibrazzjoni, b'enfasi partikolari fuq il-metodi u s-suppożizzjonijiet użati u l-limitazzjonijiet tagħhom u huma għandhom ikunu infurmati bi kwalunkwe bidla materjali fuq bażi kontinwa.

Linja gwida 57 – Proċess ta' kalibrazzjoni: data tas-suq u għażla tal-istrumenti finanzjarji

- 1.101. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li l-proċess ta' kalibrazzjoni ta' ESG li jintuża għal valwazzjoni tal-konsistenza mas-suq ikun ibbażat fuq data minn swieq finanzjarji li jkunu fondi, likwidi u trasparenti kif definit fl-Artikolu 1 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni u li tirrifletti l-kundizzjonijiet attwali tas-suq. Fejn dan ma jkunx possibbli, l-impriżi għandhom jużaw prezzijiet oħra tas-suq filwaqt li joqogħdu attenti għal kwalunkwe distorsjoni u jassiguraw li l-aġġustamenti sabiex jingħelbu dawk id-distorsjonijiet isiru b'mod deliberat, oġġettiv u affidabbli.
- 1.102. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom ikunu kapaċi juru li l-għażla tal-istrumenti finanzjarji użati fil-proċess ta' kalibrazzjoni tkun rilevanti

fid-dawl tal-karatteristiċi tal-obbligi ta' assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (eż. opzjonijiet inkorporati u garanziji finanzjarji).

Linja gwida 58 - Testijiet (preċiżjoni, robustezza u konsistenza mas-suq)

- 1.103. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jużaw ESG għall-immudellar stokastiku tal-provvedimenti tekniċi, huma għandhom ikunu kapaċi juru lill-awtoritajiet superviżorji rilevanti l-preċiżjoni, ir-robustezza u l-konsistenza mas-suq, tal-ESG. Għandu jiġi valutat kejl tal-preċiżjoni tal-ESG (tal-anqas analiżi tal-iżball ta' Monte Carlo).
- 1.104. Biex juru r-robustezza tal-ESG, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jittestjaw is-sensittività tal-valwazzjoni ta' xi obligazzjonijiet tipiċi għall-varjazzjoni ta' xi parametri fil-proċess ta' kalibrazzjoni.
- 1.105. Sabiex jintwerew il-proprjetajiet ta' konsistenza mas-suq tal-ESG, għandhom jitwettqu tal-anqas xi wħud mit-testijiet li ġejjin fuq is-sett ta' xenarji ġenerati mill-ESG użat għall-valwazzjoni:
- (a) Testijiet tal-kalibrazzjoni: jivverifikaw li jintlaħqu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 22(3) tal-miżuri ta' Implimentazzjoni;
 - (b) Testijiet tal-Martingale: jivverifikaw it-test tal-Martingale għall-kategoriji tal-assi (ekwità, bonds, proprjetà, rati tal-kambju, eċċ.) li ntużaw fil-proċess ta' kalibrazzjoni tal-ESG, u għal xi strateġiji sempliċi ta' investiment f'portafoll;
 - (c) Testijiet tal-korrelazzjoni: tqabbil tal-korrelazzjonijiet simulati mal-korrelazzjonijiet storiċi.
- 1.106. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li t-testijiet tal-preċiżjoni, ir-robustezza u l-konsistenza mas-suq tal-ESG jitwettqu fuq bażi regolari u tal-anqas darba fis-sena.

Linja gwida 59 – Ġeneraturi ta' numri aleatorji u psewdo aleatorji

- 1.107. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li l-ġeneraturi tan-numri psewdo(aleatorji) li jintużaw f'ESG jiġu ttestjati b'mod xieraq.

Linja gwida 60 - Adegwatezza kontinwa ta' ESG

- 1.108. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom ikollhom fis-seħħ proċeduri adegwati sabiex jassiguraw li ESG jibqa' adattat għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi fuq bażi kontinwa.

Kalkolu tal-marġini tar-riskju

Linja gwida 61 – Metodi sabiex jiġi kkalkulat il-marġini tar-riskju

- 1.109. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jivvalutaw jekk tkunx meħtieġa projezzjoni sħiħa tar-Rekwiżiti Kapitali futuri kollha tas-Solvenza sabiex jiġu riflessi b'mod proporzjat in-natura, l-iskala u l-kumplessità

tar-riskji li fuqhom ikunu bbażati l-obbligi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni tal-impriża ta' referenza. F'każ bħal dan, l-impriża għandhom iwettqu dawn il-kalkoli. Inkella, jistgħu jintużaw metodi alternattivi sabiex jiġi kkalkulat il-marġini tar-riskju, filwaqt li jiġi assigurat li l-metodu magħżul ikun adegwat biex jaqbad il-profil tar-riskju tal-impriża.

1.110. Fejn jintużaw metodoloġiji simplifikati sabiex jiġi kkalkulat l-aqwa estimu, l-impriża għandhom jivvalutaw l-impatt konsegwenti li l-użu ta' tali metodoloġiji jista' jkollu fuq il-metodi disponibbli għall-kalkolu tal-marġini tar-riskju, inkluż l-użu ta' kwalunkwe metodu simplifikat għall-projezzjoni tar-RKS futuri.

Linja gwida 62 – Ġerarkija tal-metodi għall-kalkolu tal-marġini tar-riskju

1.111. Meta jkunu qegħdin jiddeċiedu liema livell tal-ġerarkija ppreżentata hawn isfel huwa l-iżjed adattat, l-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li l-kumplessità tal-kalkoli ma tmurx lil hinn minn dak li jkun meħtieġ sabiex tirrifletti b'mod proporzjonat in-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji li fuqhom ikunu bbażati l-obbligi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni tal-impriża ta' referenza.

1.112. L-impriża għandhom japplikaw il-ġerarkija tal-kontrolli b'mod konsistenti mal-qafas stabbilit fid-definizzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità u l-ħtieġa li r-riskji jiġu valutati b'mod korrett.

1.113. L-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jużaw il-ġerarkija li ġejja bħala bażi għat-teħid tad-deċiżjonijiet rigward il-metodi li għandhom jintużaw għall-projezzjoni tar-Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza futuri:

- **Metodu 1)** Li jiġu approssimati r-riskji jew is-sottoriskji individwali fi ħdan il-moduli jew is-sottomoduli kollha, jew xi wħud minnhom, li jridu jintużaw għall-kalkolu tar-Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza futuri kif imsemmi fl-Artikolu 58(a) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.
- **Metodu 2)** Li jiġi approssimat ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza sħiħ għal kull sena futura kif imsemmi fl-Artikolu 58 (a) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, fost l-oħrajn billi jintuża l-proporzjon tal-aqwa estimu ta' dik is-sena futura għall-aqwa estimu fid-data tal-valwazzjoni.

Dan il-metodu mhuwiex adattat meta jkunu jeżistu valuri negattivi tal-aqwa estimu fid-data tal-valwazzjoni jew f'dati sussegwenti.

Dan il-metodu jikkunsidra l-maturità u l-mudell run-off tal-obbligi, netti mir-riassigurazzjoni. Għaldaqstant, għandhom isiru xi konsiderazzjonijiet rigward il-mod kif ikun ġie kkalkulat l-aqwa estimu tal-provvedimenti tekniċi, nett mir-riassigurazzjoni. Għandha tingħata aktar konsiderazzjoni wkoll dwar jekk is-suppożizzjonijiet rigward il-profil tar-riskju tal-impriża jistgħux jitqiesu bħala mhux mibdula maż-żmien. Dan jinkludi:

(a) Għar-riskji kollha ta' sottoskrizzjoni, li jiġi kkunsidrat jekk il-kompożizzjoni tas-sottoriskji f'riskju ta' sottoskrizzjoni tkunx l-istess;

- (b) Għal riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti, li jiġi kkunsidrat jekk l-affidabbiltà kreditizja medja tar-riassiguraturi u l-veikoli bi skop speċjali, tkunx l-istess;
- (c) Għal riskju tas-suq, li jiġi kkunsidrat jekk ir-riskju tas-suq materjali fir-rigward tal-aqwa estimu nett, ikunx l-istess;
- (d) Għal riskju operazzjonali, li jiġi kkunsidrat jekk il-proporzjon tas-sehem mill-obbligi, tar-riassiguraturi u tal-veikoli bi skop speċjali, ikunx l-istess;
- (e) Għal aġġustament, li jiġi kkunsidrat jekk il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi fir-rigward tal-aqwa estimu nett, tkunx l-istess.

Jekk dawn is-suppożizzjonijiet kollha jew xi wħud minnhom ma jżommux, l-impriża għandha tal-anqas twettaq valutazzjoni kwalitattiva ta' kemm tkun materjali d-devjazzjoni mis-suppożizzjonijiet. Jekk l-impatt tad-devjazzjoni ma jkunx materjali meta mqabbel mal-marġini tar-riskju sħiħ, f'dak il-każ jista' jintuża dan il-metodu. Inkella l-impriża għandha jew taġġusta l-formula b'mod xieraq jew tkun inkoraġġita tuża metodu aktar sofistikat.

- **Metodu 3)** Li jiġi approssimat it-total skontat tar-Rekwiżiti Kapitali futuri kollha tas-Solvenza f'pass wieħed mingħajr ma jiġu approssimati separatament ir-Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza għal kull sena futura kif imsemmi fl-Artikolu 58 (b) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, fost l-oħrajn billi tintuża d-durata modifikata tal-obbligazzjonijiet tal-assigurazzjoni bħala fattur tal-proporzjonalità.

Fid-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni ta' metodu bbażat fuq id-durata modifikata tal-obbligazzjonijiet tal-assigurazzjoni, għandha tingħata attenzjoni għall-valur tad-durata modifikata sabiex jiġu evitati riżultati li ma jagħmlux sens għall-Marġini tar-Riskju.

Dan il-metodu jikkunsidra l-maturità u l-mudell run-off tal-obbligi, netti mir-riassigurazzjoni. Għaldaqstant, għandhom isiru xi konsiderazzjonijiet rigward il-mod kif ikun ġie kkalkulat l-aqwa estimu tal-provvedimenti tekniċi, nett mir-riassigurazzjoni. Għandha tingħata aktar konsiderazzjoni wkoll dwar jekk is-suppożizzjonijiet rigward il-profil tar-riskju tal-impriża jistgħux jitqiesu bħala mhux mibdula maż-żmien. Dan jinkludi:

- (a) Għal RKS bażiku, li jiġi kkunsidrat jekk il-kompożizzjoni u l-proporzjonijiet tar-riskji u tas-sottoriskji ma jinbidlux matul is-snin;
- (b) Għal riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti, li jiġi kkunsidrat jekk l-affidabbiltà kreditizja medja tar-riassiguraturi u l-veikoli bi skop speċjali jibqgħux l-istess matul is-snin;
- (c) Għal riskju operazzjonali u riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti, li jiġi kkunsidrat jekk id-durata modifikata tkunx l-istess għall-obbligi netti u grossi mir-riassigurazzjoni;

(d) Li jiġi kkunsidrat jekk ir-riskju tas-suq materjali fir-rigward tal-aqwa estimu nett jibqax l-istess matul is-snin;

(e) Għal aġġustament, li jiġi kkunsidrat jekk il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf, tal-provvedimenti tekniċi fir-rigward tal-aqwa estimu nett, tibqax l-istess matul is-snin.

Impriża li jkun beħsiebha tuża dan il-metodu għandha tikkunsidra safejn ikunu ssodisfati dawn is-suppożizzjonijiet. Jekk xi wħud minn dawn is-suppożizzjonijiet jew is-suppożizzjonijiet kollha ma jżommux, l-impriża għandha mill-anqas twettaq valutazzjoni kwalitattiva ta' kemm tkun materjali d-devjazzjoni mis-suppożizzjonijiet. Jekk l-impatt tad-devjazzjoni ma jkunx materjali meta mqabbel mal-marġini tar-riskju sħiħ, f'dak il-każ tista' tintuża s-simplifikazzjoni.

Inkella l-impriża għandha jew taġġusta l-formula b'mod xieraq jew tkun inkoraġġita tuża metodu aktar sofistikat.

- **Metodu 4)** Li jiġi approssimat il-marġini tar-riskju billi dan jiġi kkalkulat bħala perċentwal tal-aqwa estimu.

Skont dan il-metodu, il-marġini tar-riskju għandu jiġi kkalkulat bħala perċentwal tal-aqwa estimu tal-provvedimenti tekniċi netti mir-riassigurazzjoni fid-data tal-valwazzjoni. Fid-deċiżjoni dwar il-perċentwal li għandu jintuża għal linja partikolari tan-negozju, l-impriża għandha tikkunsidra li dan il-perċentwal huwa probabbli li jiżdied jekk id-durata modifikata tal-obbligazzjonijiet tal-assigurazzjoni – jew xi kejl ieħor tal-mudell run-off ta' dawn l-obbligazzjonijiet - tiżdied.

L-impriża għandhom jagħtu konsiderazzjoni xierqa lin-natura simplistika ħafna ta' dan l-approċċ; huwa għandu jintuża biss meta jkun ġie dimostrarat li ma jista' jintuża l-ebda wieħed mill-approċċi aktar sofistikati għall-marġini tar-riskju fil-ġerarkija ta' hawn fuq.

Meta l-impriża jużaw dan il-metodu għall-kalkolu tal-marġini tar-riskju, huma jridu jiġġustifikaw u jiddokumentaw ir-razzjonal għall-perċentwali użati mil-linja tan-negozju. Din il-ġustifikazzjoni u r-razzjonal għandhom jikkunsidraw kwalunkwe karatteristika speċifika tal-portafolji li jkunu qed jiġu valutati. L-impriża m'għandhomx jużaw dan il-metodu meta jkunu jeżistu valuri negattivi għall-aqwa estimu.

1.114. Mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-proporzjonalità u d-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 58 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jużaw is-simplifikazzjonijiet definiti fl-Anness Tekniku IV meta japplikaw il-ġerarkija tal-metodi.

Linja gwida 63 – Allokazzjoni tal-marġini tar-riskju globali

1.115. Meta l-kalkolu eżatt, tal-kontribuzzjoni tal-linji tan-negozju individwali għar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza globali matul il-ħajja tal-portafoll sħiħ, ikun kumpless b'mod sproporzjonat, l-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom ikunu permessi japplikaw metodi simplifikati biex jallokaw il-marġini

tar-riskju globali għal-linji tan-negozju individwali li jkunu proporzjonati għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji involuti. Il-metodi applikati għandhom ikunu konsistenti maż-żmien.

Kalkolu tal-provvedimenti tekniċi flimkien

Linja gwida 64 – Qbid tal-inċertezza

1.117.L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jifhmu, permezz tal-konsiderazzjoni tal-inċertezza sabiex jirreplikaw b'mod affidabbli l-flussi tal-flus futuri assoċjati mal-obbligi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, li l-flussi tal-flus ma jridux jipprovdu biss l-istess ammont mistenni bħall-flussi tal-flus assoċjati mal-obbligi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, iżda wkoll l-istess mudelli ta' varjabilità.

Linja gwida 65 – Replikazzjoni affidabbli

1.118.L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni m'għandhomx jikkunsidraw il-flussi tal-flus futuri assoċjati mal-obbligi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni bħala replikati b'mod affidabbli jekk:

- (a) Aspett wieħed jew diversi aspetti tal-fluss tal-flus fil-ġejjieni, inter alia l-valur mistenni tiegħu, il-volatilità tiegħu jew kwalunkwe aspett ieħor, ikun jiddependi fuq riskji li l-mudell speċifiku tagħhom fl-impriża ma jkunx jista' jinstab fi strumenti attivament innegozjati fis-swieq finanzjarji;
- (b) L-informazzjoni dwar il-kummerċ u l-prezzijiet kurrenti ma tkunx disponibbli fil-pront għall-pubbliku, minħabba l-fatt li aspett wieħed jew diversi aspetti tal-fluss tal-flus fil-ġejjieni jkunu jiddependu sa kwalunkwe punt fuq l-iżvilupp ta' fatturi speċifiċi għall-impriża, bħall-ispejjeż jew il-kostijiet ta' akkwiżizzjoni; jew,
- (c) Aspett wieħed jew aktar tal-fluss tal-flus fil-ġejjieni jkunu jiddependu fuq l-iżvilupp ta' fatturi esterni għall-impriża, li għalihom ma jkunx hemm strumenti finanzjarji li għalihom ikunu osservabbli valuri tas-suq affidabbli.

Linja gwida 66 – Interruzzjonijiet għal żmien qasir

1.119.Meta suq attiv u trasparenti ma jissodisfax temporanjament waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li jkun fond u likwidu u jkun raġonevolment mistenni li jerġa' jissodisfa dawk il-kundizzjonijiet matul it-tliet xhur ta' wara, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jużaw il-prezzijiet li kienu osservati matul dak il-perjodu għall-finijiet ta' dawn il-Linji gwida.

1.120.L-impriżi għandhom jivvalutaw li l-użu ta' dawn il-prezzijiet ma jwassalx għal żball materjali fil-valwazzjoni tal-provvedimenti tekniċi.

Linja gwida 67 – Separazzjoni tal-obbligi valwati flimkien

1.121.Meta taħt l-istess kuntratt ikunu jeżistu numru ta' flussi tal-flus futuri li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha sabiex il-provvediment tekniku jiġi kkalkulat

kollu f'daqqa u flussi tal-flus futuri oħra li ma jissodisfawx xi wħud minn dawn il-kundizzjonijiet, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jisseparaw iż-żewġ settijiet ta' flussi tal-flus. Għall-ewwel sett ta' flussi tal-flus, ma għandu jkun meħtieġ l-ebda kalkolu separat tal-aqwa estimu u tal-margġini tar-riskju iżda l-impriżi għandhom ikunu meħtieġa jwettqu kalkolu separat għat-tieni sett ta' flussi tal-flus. Jekk is-separazzjoni proposta ma tkunx fattibbli, b'mod partikolari meta jkun hemm interdipendenza sinifikanti bejn iż-żewġ settijiet ta' flussi tal-flus, l-impriżi għandhom ikunu meħtieġa li jwettqu kalkoli separati tal-aqwa estimu u tal-margġini tar-riskju għall-kuntratt sħiħ.

Premia futuri

Linja gwida 68 – Flussi tal-flus futuri minn premia kontra l-premium riċevibbli

1.122.L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jistabbilixxu l-flussi tal-flus futuri mill-premia kontenuti fi ħdan il-limiti tal-kuntratt fid-data tal-valwazzjoni u jinkludu fil-kalkolu tal-aqwa estimu tal-obbligazzjonijiet tagħhom, dawk il-flussi tal-flus futuri mill-premia li jkun imisshom jitħallsu wara d-data tal-valwazzjoni.

1.123.L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jittrattaw il-premia li jkunu se jitħallsu sad-data tal-valwazzjoni bħala premium riċevibbli fil-karta bilanċjali tagħhom sakemm jaslu l-flus.

Kalkolu tal-provvedimenti għall-pretensjonijiet

Linja gwida 69 – Metodi għall-kalkolu tal-provvedimenti għal pretensjonijiet irrappurtati pendenti

1.124.L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni m'għandhomx jinkludu l-provvediment għal pretensjonijiet imġarrba imma mhux rapportati (IBNR) u m'għandhomx jinkludu l-ispejjeż ta' perizja teknika mhux allokat (ULAE) fil-kalkolu tal-provvediment għall-pretensjonijiet irrappurtati pendenti, li jirrappreżentaw il-komponent tal-provvediment għal pretensjonijiet fejn l-avvenimenti li jwasslu għall-pretensjoni jkunu ġew innotifikati lill-assiguratatur.

1.125.Żewġ metodi possibbli sabiex jiġi stmat il-provvediment għall-pretensjonijiet irrappurtati pendenti huma:

- konsiderazzjoni tan-numru ta' pretensjonijiet irrappurtati u l-kost medju tagħhom;
- stima każ b'każ.

Linja gwida 70 – Metodi għall-kalkolu tal-provvedimenti għal pretensjonijiet imġarrba imma mhux rapportati

1.126.Fejn jintużaw tekniki attwarji (eż. tekniki taċ-chain ladder) biex jiġi stmat il-provvediment għal pretensjonijiet imġarrba iżda mhux rapportati (IBNR), l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jagħtu

konsiderazzjoni speċifika jekk is-suppożizzjonijiet wara t-teknika jżommux, jew jekk ikunux meħtieġa aġġustamenti għall-mudelli tal-iżvilupp sabiex jirriflettu b'mod xieraq l-iżvilupp futur probabbli.

Linja gwida 71 – Metodi għall-valwazzjoni tal-ispejjeż għas-saldu tal-pretensjonijiet – spejjeż ta' perizja teknika mhux allokat (ULAE)

1.127. Meta l-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni japplikaw metodu simplifikat għall-provvediment għall-ispejjeż tas-saldu tal-pretensjonijiet fuq il-bażi ta' estimu bħala perċentwal tal-provvediment għall-pretensjonijiet, kif deskritt fl-Anness Tekniku II, dan għandu jiġi kkunsidrat biss meta l-ispejjeż ikunu jistgħu raġonevolment jiġu preżunti li huma proporzjonati mal-provvedimenti kollha flimkien, fejn dan il-proporzjon ikun stabbli maż-żmien u fejn l-ispejjeż jitqassmu b'mod uniformi matul il-ħajja tal-portafoll sħiħ tal-pretensjonijiet.

Kalkolu tal-provvedimenti għall-premia

Linja gwida 72 – Kopertura

1.128. L-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li l-provvedimenti għall-premia fid-data tal-valwazzjoni jinkludu l-valwazzjoni tal-obbligi rikonoxxuti kollha fi ħdan il-limitu tal-kuntratti ta' assicurazzjoni jew ta' riassigurazzjoni, għall-iskopertura kollha għal avvenimenti futuri ta' pretensjonijiet, fejn:

(a) Il-kopertura tkun bdiet qabel id-data tal-valwazzjoni;

(b) il-kopertura ma tkunx bdiet qabel id-data tal-valwazzjoni, iżda l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tkun saret parti fil-kuntratt tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li jipprovdi l-kopertura.

1.129. Mingħajr preġudizzju għall-Valutazzjoni tal-Proporzjonalità u d-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 36(2) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriża jistgħu japplikaw is-simplifikazzjoni deskritta fl-Anness Tekniku III.

Linja gwida 73 - Konsiderazzjonijiet għall-projezzjonijiet tal-kostijiet tal-pretensjonijiet

1.130. L-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li l-valutazzjoni tal-flussi tal-flus tal-pretensjonijiet inklużi fil-provvedimenti għall-premia jagħtu konsiderazzjoni xierqa lill-inċidenza mistennija u l-kost tal-pretensjonijiet futuri, inkluża konsiderazzjoni tal-probabbiltà ta' pretensjonijiet mhux frekwenti, ta' severità qawwija u pretensjonijiet latenti.

Linja gwida 74 - Inċertezza tal-imġiba tad-detenturi ta' polza

1.131. L-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li l-valwazzjoni tal-provvedimenti għall-premia tinkludi konċessjoni għall-possibbiltà li d-detenturi ta' polza jeżerċitaw opzjonijiet sabiex jistendu jew

iġeddu kuntratt jew biex iħassru jew itemmu kuntratt qabel it-tmiem tal-perjodu ta' kopertura pprovdut.

Linja gwida 75 – Provvediment negattiv għall-premia

1.132. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li, fejn il-valur preżenti tal-influssi ta' flus futuri jaqbeż il-valur preżenti tal-ħruġ ta' flus fil-ġejjieni, il-provvediment għall-premia, eskluż il-marġini tar-riskju, ikun negattiv.

Kalkolu tal-Profitt Mistenni minn Premia Futuri (EPIFP)

Linja gwida 76 - Separazzjoni tal-obbligi tal-assigurazzjoni

1.133. Għall-iskop tal-kalkolu stabbilit fl-Artikolu 260 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jaqsmu l-obbligi tagħhom tal-assigurazzjoni f'dawk attribwibbli għal premja diġà mħallsa u dawk attribwibbli għal premja fir-rigward ta' negozju fis-seħħ li jkunu riċevibbli fil-ġejjieni.

Linja gwida 77 - Suppożizzjonijiet użati għall-kalkolu tal-EPIFP

1.134. Sabiex jikkalkulaw il-provvedimenti tekniċi mingħajr marġini ta' riskju bis-suppożizzjoni li l-premia relatati ma' kuntratti eżistenti ta' assicurazzjoni u ta' riassigurazzjoni li jkunu mistennija li jiġu riċevuti fil-ġejjieni, ma jkunux riċevuti, l-impriżi għandhom japplikaw l-istess metodu attwarju użat sabiex jikkalkulaw il-provvedimenti tekniċi mingħajr marġini ta' riskju skont l-Artikolu 77 tas-Solvibilità II, bis-suppożizzjonijiet mibdula li ġejjin:

- (a) il-politiki għandhom jiġu ttrattati daqs li kieku baqgħu fis-seħħ pjuttost milli jitqiesu bħala ċeduti;
- (b) irrispettivament mit-termini legali jew kuntrattwali applikabbli għall-kuntratt, il-kalkolu m'għandux jinkludi penali, tnaqqis jew kwalunkwe tip ieħor ta' aġġustament għall-valwazzjoni attwarja teoretika tal-provvedimenti tekniċi mingħajr marġini ta' riskju kkalkulat daqs li kieku l-politika baqgħet fis-seħħ;
- (c) is-suppożizzjonijiet l-oħra għandhom jitħallew mhux mibdula.

Metodoloġiji sabiex jiġu kkalkulati r-rekuperabbli minn kuntratti ta' riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali

Linja gwida 78 - Grad ta' konċessjoni għal xiri ta' riassigurazzjoni futura

1.135. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jirrikonoxxu flussi tal-flus futuri relatati ma' xiri ta' riassigurazzjoni futura li jkopri obbligi diġà rikonoxxuti fil-karta bilanċjali - safejn dan ikun qiegħed jissostitwixxi kwalunkwe arranġament ta' riassigurazzjoni li se jiskadi u jekk ikun jista' jintwera li dan jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija hawn taħt:

- (a) l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jkollha politika miktuba dwar is-sostituzzjoni tal-arranġament tar-riassigurazzjoni;
- (b) is-sostituzzjoni tal-arranġament tar-riassigurazzjoni ma sseħx b'mod aktar regolari minn kull 3 xhur;
- (c) is-sostituzzjoni tal-arranġament tar-riassigurazzjoni ma tkun kondizzjonali fuq l-ebda avveniment futur li jkun barra mill-kontroll tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni. Fejn is-sostituzzjoni tal-arranġament tar-riassigurazzjoni tkun kondizzjonali fuq kwalunkwe avveniment futur, li jkun fil-kontroll tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, f'dak il-każ il-kundizzjonijiet għandhom ikunu dokumentati b'mod ċar fil-politika miktuba imsemmija fil-punt (a);
- (d) is-sostituzzjoni tal-arranġament tar-riassigurazzjoni għandha tkun realistika u konsistenti mal-prattika tan-negozju u l-istrateġija kummerċjali kurrenti tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tkun kapaċi tivverifika li s-sostituzzjoni tkun realistika permezz ta' tqabbil tas-sostituzzjoni mwettqa mas-sostituzzjonijiet imwettqa qabel mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni;
- (e) ir-riskju li l-arranġament tar-riassigurazzjoni ma jistax jiġi sostitwit minħabba l-limitazzjonijiet tal-kapaċità, ma jkunx materjali;
- (f) issir stima xierqa tal-premium futur tal-assigurazzjoni li għandu jiġi ċċarġjat, li tirrifletti r-riskju li jista' jżid il-kost tas-sostituzzjoni tal-arranġamenti eżistenti tar-riassigurazzjoni;
- (g) is-sostituzzjoni tal-arranġament tar-riassigurazzjoni ma tkunx kuntrarja għar-rekwiżiti li japplikaw għall-azzjonijiet futuri tal-maniġment kif stabbiliti fl-Artikolu 236 tal-miżuri ta' Implimentazzjoni.

Linja gwida 79 – Kalkolu simplifikat tar-rekuperabbli minn kuntratti ta' riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali – provvedimenti għall-premia

- 1.136. Sabiex jistmaw l-ammont ta' rekuperabbli tar-riassigurazzjoni mill-gross tal-ammont ta' provvedimenti għall-premia tar-riassigurazzjoni meta jiġi applikat kalkolu simplifikat, l-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom japplikaw fattur gross għan-nett separat għall-ħruġ ta' flus u l-impriża għandhom potenzjalment japplikaw fattur gross għan-nett differenti għad-dħul ta' flus. L-impriża għandhom jibbażaw il-fattur gross għan-nett għall-ħruġ ta' flus fuq eżami tal-avvenimenti tal-pretensjonijiet imgħoddija b'konsiderazzjoni tal-programm ta' riassigurazzjoni futur applikabbli. Il-fattur gross għan-nett għad-dħul ta' flus għandu jkun ibbażat fuq konsiderazzjoni tal-gross relattiv u l-premia tar-riassigurazzjoni li jkunu mistennija li jiġu riċevuti u mħallsa.
- 1.137. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet fl-ewwel paragrafu ta' din il-gwida u l-Valutazzjoni tal-proporzjonalità, l-impriża jistgħu japplikaw is-simplifikazzjonijiet deskritti fl-Anness Tekniku V.

Linja gwida 80 – Kalkolu simplifikat tar-rekuperabbli minn kuntratti ta' riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali – provvedimenti għal pretensjonijiet pendenti

1.138. Fir-rigward tal-provvedimenti għal pretensjonijiet pendenti għar-rekuperabbli mir-riassigurazzjoni, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jużaw tekniki ta' gross għan-nett separati jew għal kull sena tal-aċċident jew għal sena tas-sottoskrizzjoni mhux finalment żviluppati għal linja partikolari tan-negożju jew grupp ta' riskju omoġenju kif ikun xieraq.

Linja gwida 81 – Kalkolu simplifikat tal-aġġustament għall-inadempjenza tal-kontroparti

1.139. Il-kalkolu simplifikat tal-aġġustament għall-inadempjenza tal-kontroparti mogħti fl-Artikolu 61 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni billi huwa bbażat fuq is-suppożizzjoni li l-probabilità tal-inadempjenza tal-kontroparti tibqa' kostanti maż-żmien, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jipproponu li jużaw din is-simplifikazzjoni għandhom jikkunsidraw jekk din is-suppożizzjoni hijiex realistika, b'kont meħud tal-iskala tal-kwalità kreditizja tal-kontroparti u d-durata modifikata tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti ta' riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali.

Prinċipji Ġenerali fir-rigward tal-metodoloġiji għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi

Linja gwida 82 – Il-perjodu tal-projezzjoni

1.140. Meta jkun qegħdin jivvalutaw jekk il-perjodu tal-projezzjoni u t-twaqqit tal-flussi tal-flus lid-detenturi ta' polza matul is-sena jkunx proporzjonat, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom tal-anqas jikkunsidraw il-karatteristiċi li ġejjin:

(a) il-grad tal-omoġeneità tal-flussi tal-flus;

(b) il-livell ta' inċertezza, jiġifieri kemm jistgħu jiġu stmati l-flussi tal-flus futuri;

(c) in-natura tal-flussi tal-flus.

Sezzjoni 5: Validazzjoni

Linja gwida 83 – Proporzjonalità tal-validazzjoni tal-provvedimenti tekniċi

1.141. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jesigū li l-funzjoni attwarja tassigura li l-proċess tal-validazzjoni jkun proporzjonat, meta jitqies is-sinifikat tal-impatt, kemm f'iżolament kif ukoll flimkien, tas-suppożizzjonijiet, l-approssimazzjonijiet u l-metodoloġiji, fuq il-valur tal-provvedimenti tekniċi.

Linja gwida 84 – Għażla tal-approċċi u l-proċessi ta' validazzjoni

1.142. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jesigū li l-funzjoni attwarja tikkunsidra liema approċċi u proċessi ta' validazzjoni huma l-iżjed

adatti skont il-karatteristiċi tar-responsabbiltà u l-użu maħsub għall-approċċ jew il-proċess.

Linja gwida 85 – Approċċi kwalitattivi u kwantitattivi

1.143.L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jesiġu li l-funzjoni attwarja tassigura li l-proċess ta' validazzjoni jkopri aspetti kemm kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi u jmur lil hinn minn tqabbil tal-estimi mar-riżultati. Huwa għandu jinkludi wkoll aspetti kwalitattivi bħall-valutazzjoni tal-kontrolli, id-dokumentazzjoni, l-interpretazzjoni u l-komunikazzjoni tar-riżultati.

Linja gwida 86 - Proċess ta' validazzjoni regolari u dinamiku

1.144.L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jesiġu li l-funzjoni attwarja twettaq proċess regolari u dinamiku li fih perjodikament tirfina l-approċċi għall-validazzjoni sabiex tinkorpora l-esperjenza miksuba mit-twettiq tal-validazzjonijiet preċedenti u bi tweġiba għall-kundizzjonijiet tas-suq u operattivi li jinbidlu.

Linja gwida 87 – Tqabbil mal-esperjenza – devjazzjonijiet

1.145.L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassiguraw li l-funzjoni attwarja:

- a) tidentifika d-devjazzjoni totali bejn l-esperjenza mistennija u l-esperjenza attwali tal-pretensjonijiet;
- b) taqsam id-devjazzjoni totali fis-sorsi prinċipali tagħha u tanalizza r-raġunijiet għad-devjazzjoni;
- c) jekk id-devjazzjoni ma tidhirx li tkun aberrazzjoni temporanja, tagħmel rakkomandazzjonijiet dwar il-bidliet fil-mudell jew is-suppożizzjonijiet li jintużaw.

1.146.L-impriżi għandhom jassiguraw li d-data u x-xejriet rilevanti tas-suq jiġu kkunsidrati bħala parti mit-tqabbil mal-esperjenza.

Linja gwida 88 - Tqabbil mas-suq għal kuntratti bl-opzjonijiet u l-garanziji

1.147.L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jikkunsidraw jekk hemmx firxa ta' strumenti tas-suq li huma disponibbli sabiex jirreplikaw bejn wieħed u ieħor il-kuntratti b'opzjonijiet u garanziji inerenti. Fejn ikunu disponibbli, il-prezz ta' dawn il-portafolji mbagħad għandu jiġi mqabbel mal-valur tal-Provvedimenti Tekniċi, ikkalkulat bħala t-total tal-aqwa estimu (ikkalkulat permezz ta' projezzjonijiet tal-flussi tal-flus) u l-marġini tar-riskju.

Regoli ta' Konformità u ta' Rapportar

- 1.148. Dan id-dokument jinkludi Linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament EIOPA. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament dwar l-EIOPA, l-Awtoritajiet Kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet.
- 1.149. L-awtoritajiet kompetenti li jikkonformaw jew li jkun beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji gwida għandhom jinkorporawhom b'mod xieraq fil-qafas regolatorju jew superviżorju tagħhom.
- 1.150. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw lill-EIOPA jekk ikunx qegħdin jikkonformaw jew jekk ikunx beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji gwida, bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn wara l-ħruġ tal-verżjonijiet tradotti.
- 1.151. Fin-nuqqas ta' rispons sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jitqiesu li mhumiex konformi mar-rapportar u jiġu rrapportati bħala tali.

Dispożizzjoni Finali dwar ir-Rieżamijiet

- 1.152. Il-Linji gwida preżenti għandhom ikunu soġġetti għal rieżami mill-EIOPA.

Anness Tekniku I- Simplifikazzjoni għall-attribuzzjoni tal-ispejjeż ġenerali

L-ispejjeż ġenerali rikorrenti huma definiti kif ġej:

$$ROA_t = RO_{last} \cdot \left(\frac{RO_{next}}{RO_{last}} \right)^{t/12} \cdot \frac{s+13-t}{12(s+12)}$$

fejn:

s = id-durata mistennija f'xhur sabiex jiġi saldat kwalunkwe obbligu li jirriżulta mill-kuntratt ta' assigurazzjoni, mill-bidu tal-kopertura tal-assigurazzjoni

$t = 1, \dots, 12$ ix-xahar tal-perjodu tal-projezzjoni

RO_{last} = l-ispejjeż ġenerali rikorrenti osservati matul l-aħħar 12-il xahar

RO_{next} = l-ispejjeż ġenerali rikorrenti antiċipati għat-12-il xahar li jmiss

ROA_t = l-ispejjeż ġenerali rikorrenti attribwibbli għax-xahar t

Anness Tekniku II- Simplifikazzjoni għall-ispejjeż tas-saldu tal-pretensjonijiet

Simplifikazzjoni għall-provvediment għall-ispejjeż tas-saldu tal-pretensjonijiet fuq il-bażi ta' stima bħala perċentwal tal-provvediment għall-pretensjonijiet:

Din is-simplifikazzjoni hija bbażata fuq il-formula li ġejja, applikata għal kull linja tan-negożju:

$$\text{Provvediment għall-ULAE} = R \times [\text{IBNR} + a \times \text{PCO_irrappurtat}]$$

fejn:

R = Medja sempliċi jew ponderata ta' R_i fuq perjodu ta' żmien suffiċjenti $R_i =$ Spejjeż imħallsa għas-saldu tal-Pretensjonijiet / (pretensjonijiet grossi + surrogi).

IBNR = provvediment għall-IBNR

PCO_irrappurtat = gross tal-provvediment għar-riassigurazzjoni għall-pretensjonijiet irrappurtati pendenti

a = Perċentwal tal-provvedimenti għall-pretensjonijiet

Anness Tekniku III - Simplifikazzjoni għall-provvedimenti għall-premia

Simplifikazzjoni sabiex jiġi derivat l-aħjar estimu għall-provvediment għall-premia fuq il-bażi ta' stima tal-proporzjon kombinat fil-linja tan-negozju inkwistjoni:

Hija meħtieġa l-informazzjoni ta' input li ġejja:

- (a) stima tal-proporzjon kombinat (CR) għal-linja tan-negozju matul il-perjodu żejjed tal-provvediment għall-premia;
- (b) il-valur preżenti tal-premia futuri għall-obbligi sottostanti (safejn il-premia futuri jaqgħu fi ħdan il-limiti tal-kuntratt);
- (c) kejl tal-volum għal premja mhux maqluġha; dan jirrigwarda negozju li jkun inbeda fid-data tal-valwazzjoni u jirrappreżenta l-premia għal dan in-negozju mibdi, tnaqqas minnhom il-premia li diġà jkunu nqalgħu kontra dawn il-kuntratti (determinati fuq bażi *pro rata temporis*).

L-aqwa estimu huwa derivat mid-data ta' input kif ġej:

$$BE = CR \cdot VM + (CR - 1) \cdot PVFP + AER \cdot PVFP$$

Fejn:

- BE** = l-aqwa estimu tal-provvediment għall-premia.
- CR** = estimu tal-proporzjon kombinat għal-linja tan-negozju fuq bażi ta' gross mill-kost tal-akkwiżizzjoni, jiġifieri $CR = (\text{pretensjonijiet} + \text{spejjeż relatati mal-pretensjonijiet}) / (\text{premja gwadanjati bħala gross mill-ispejjeż tal-akkwiżizzjoni})$.
- VM** = kejl tal-volum għal premium mhux maqluġh. Dan jirrigwarda negozju li jkun inbeda fid-data tal-valwazzjoni u jirrappreżenta l-premia għal dan in-negozju mibdi, tnaqqas minnhom il-premium li diġà jkun inqala' kontra dawn il-kuntratti. Dan il-kejl għandu jiġi kkalkulat bħala gross mill-ispejjeż tal-akkwiżizzjoni.
- PVFP** = il-valur preżenti tal-premia futuri (skontat bl-użu tal-istruttura ta' terminu preskritta ta' rati tal-imgħax mingħajr riskju) gross mill-kummissjoni.
- AER** = estimu tal-proporzjon tal-ispejjeż tal-akkwiżizzjoni għal-linja tan-negozju.

Il-proporzjon kombinat għal sena tal-aċċident (= sena tal-okkorrenza) huwa definit bħala l-proporzjon tal-ispejjeż u l-pretensjonijiet imġarrba f'linja tan-negozju partikolari jew grupp ta' riskji omoġenju fuq il-premia gwadanjati. Il-premia

gwadanjati għandhom jeskludu l-aġġustament għas-sena ta' qabel. L-ispejjeż għandhom ikunu dawk attribwibbli għall-premia gwadanjati għajr l-ispejjeż tal-pretensjonijiet. Il-pretensjonijiet imġarrba għandhom jeskludu r-riżultat tar-run-off, jiġifieri għandhom ikunu t-total għat-telf li jseħħ fis-sena y tal-pretensjonijiet imħallsa (inklużi l-ispejjeż tal-pretensjonijiet) matul is-sena u l-provvedimenti stabbiliti fl-aħħar tas-sena.

Inkella, jekk ikun aktar prattikabbli, il-proporzjon kombinat għal sena tal-aċċident jista' jitqies li huwa t-total tal-proporzjon tal-ispejjeż (għajr l-ispejjeż tal-pretensjonijiet) għall-premia sottoskritti, u l-ispejjeż huma dawk attribwibbli għall-premia sottoskritti. Il-proporzjon tal-pretensjonijiet għal sena tal-aċċident f'linja partikolari tan-negozju jew grupp ta' riskji omoġenju għandu jiġi determinat bħala l-proporzjon tat-telf finali tal-pretensjonijiet imġarrba fuq il-premia gwadanjati.

Anness Tekniku IV - Ġerarkija tas-simplifikazzjonijiet għall-marġini tar-riskju

Fir-rigward tal-livell (1) tal-ġerarkija:

Riskju ta' Sottoskrizzjoni tal-Ħajja

Is-simplifikazzjonijiet permessi għall-kalkoli tar-RKS fir-rigward tal-mortalità, il-lonġevità, ir-riskju ta' diżabilità, ir-riskju ta' spejjeż, ir-riskju ta' rieżami u r-riskju ta' katastrofi jiġu riportati għall-kalkoli tal-marġini tar-riskju.

Riskju ta' Sottoskrizzjoni tal-Ħajja

Is-simplifikazzjonijiet permessi għall-kalkoli tar-RKS fir-rigward tal-mortalità tas-saħħa, il-lonġevità tas-saħħa, id-diżabilità-morbidità tal-spejjeż mediċi, id-diżabilità-morbidità tal-protezzjoni tal-introjtu, l-ispejjeż tas-saħħa u r-riskji ta' telf tas-saħħa SLT jiġu riportati għall-kalkoli tal-marġini tar-riskju.

Riskju ta' Sottoskrizzjoni mhux tal-Ħajja

Il-kalkolu tar-RKS futuri relatati mar-riskju ta' premium u ta' riżerva jista' b'xi mod jiġi simplifikat jekk ma jitqiesx it-tiġdid u n-negożju futur:

- Jekk il-volum tal-premium fis-sena t ikun żgħir meta mqabbel mal-volum ta' riżerva, f'dak il-każ il-volum tal-premium għas-sena t jista' jiġi stabbilit għal 0. Eżempju jista' jkun negożju li ma jinkludix kuntratti fuq ħafna snin, fejn il-volum tal-premium jista' jiġi stabbilit għal 0 għas-snin futuri t kollha fejn $t \geq 1$.
- Jekk il-volum tal-premium ikun żero, f'dak il-każ l-imposta kapitali għal sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja tista' tiġi approssimata bil-formula:

$$3 \cdot \sigma_{(res,mod)} \cdot PCO_{Net}(t),$$

fejn $\sigma_{(res,mod)}$ tirrappreżenta d-devjazzjoni standard aggregata għar-riskju ta' riżerva u $PCO_{Net}(t)$ il-provvediment tal-aqwa estimu għall-pretensjonijiet pendenti netti mir-riassigurazzjoni fis-sena t .

Id-devjazzjoni standard applikabbli għar-riskju ta' riżerva $\sigma_{(res,mod)}$ tista' tiġi kkalkulata bl-użu tal-passi ta' aggregazzjoni kif deskritt fl-Artikoli 117 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, bis-suppożizzjoni li l-ammonti kollha relatati mal-premium ikunu ugwali għal żero.

Bħala simplifikazzjoni ulterjuri jista' jiġi preżunt li l-estimati speċifiku għall-impriża, tad-devjazzjoni standard għar-riskju tal-premium u r-riskju ta' riżerva, jibqgħu l-istess matul is-snin.

Barra minn hekk, l-imposta fuq ir-riskju ta' sottoskrizzjoni għar-riskju ta' katastrofi tiġi kkunsidrata biss fir-rigward tal-kuntratti ta' assigurazzjoni li jeżistu f' $t = 0$.

Riskju ta' Inadempjenza tal-Kontroparti

L-imposta fuq ir-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti fir-rigward tar-riassigurazzjoni ċeduta tista' tiġi kkalkulata direttament mid-definizzjoni għal kull

segment u kull sena. Jekk l-iskopertura għall-inadempjenza tar-riassiguraturi ma tvarjax b'mod konsiderevoli matul is-snin tal-iżvilupp, l-imposta fuq ir-riskju tista' tiġi approssimata billi jiġi applikat is-sehem tal-aqwa estimi tal-assiguraturi għal-livell ta' imposta fuq ir-riskju li jkun osservat fis-sena 0.

Skont il-formula standard, ir-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti għar-riassigurazzjoni ċeduta, jiġi valutat għall-portafoll sħiħ minflok segmenti separati. Jekk ir-riskju ta' inadempjenza f'segment ikun ikkunsidrat li huwa simili għar-riskju totali ta' inadempjenza jew jekk ir-riskju ta' inadempjenza jkun ta' importanza negliġibbli, f'dak il-każ l-imposta fuq ir-riskju tista' tiġi kkalkulata billi jiġi applikat is-sehem tal-aqwa estimi tal-assiguraturi għal-livell tal-imposta kapitali totali għar-riskju ta' inadempjenza tal-assiguraturi fis-sena 0.

Fir-rigward tal-livell (2) tal-ġerarkija:

Billi jintuża eżempju rappreżentattiv ta' metodi proporzjonali, ir-RKS tal-impriża ta' referenza għas-sena t jista' jiġi stabbilit kif ġej:

$$SCR_{RU}(t) = SCR_{RU}(0) \cdot BE_{Net}(t) / BE_{Net}(0) \quad t = 1, 2, 3, \dots$$

Fejn

$SCR_{RU}(t)$ = ir-RKS kif ikkalkulat fil-ħin $t \geq 0$ għall-portafoll tal-obbligi ta' (ri)assigurazzjoni tal-impriża ta' referenza;

$BE_{Net}(t)$ = l-aqwa estimu tal-provvedimenti tekniċi netti mir-riassigurazzjoni kif valutat fil-ħin $t \geq 0$ għall-portafoll tal-obbligi ta' (ri)assigurazzjoni tal-impriża.

Is-simplifikazzjoni deskritta hawn fuq tista' tiġi applikata wkoll f'livell aktar granulari, jiġifieri għal moduli u/jew sottomoduli individwali. Madankollu, huwa nnotat li n-numru ta' kalkoli li jridu jitwettqu b'mod ġenerali se jkun proporzjonali man-numru ta' moduli u/jew sottomoduli li għalihom tiġi applikata din is-simplifikazzjoni. Barra minn hekk, irid jiġi kkunsidrat jekk kalkolu aktar granulari kif indikat hawn fuq iwassalx għal estimu aktar preċiż tar-RKS futuri li jridu jintużaw fil-kalkolu tal-marġini tar-riskju.

Fir-rigward tal-livell (e) tal-ġerarkija:

Fir-rigward tal-assigurazzjoni tal-ħajja, l-approċċ tad-durata jimplika li l-marġini tar-riskju *CoCM* jista' jiġi kkalkulat skont il-formula li ġejja:

$$CoCM = CoC \cdot Dur_{mod}(0) \cdot SCR_{RU}(0) / (1 + r_1)$$

fejn:

$SCR_{RU}(0)$ = ir-RKS kif ikkalkulat fil-ħin $t=0$ għall-portafoll tal-obbligi ta' (ri)assigurazzjoni tal-impriża ta' referenza;

$Dur_{mod}(0)$ = id-durata modifikata tal-obbligi ta' (ri)assigurazzjoni tal-impriża ta' referenza netti mir-riassigurazzjoni f' $t=0$; u

CoC = ir-rata tal-Kost tal-Kapital.

Meta s- $SCR_{RU}(0)$ jinkludi sottoriskji materjali li ma jkunux se jeżistu matul il-ħajja sħiħa tal-portafoll (pereżempju riskju ta' premium mhux tal-ħajja għal kuntratti mhux skaduti jew riskju tas-suq materjali), il-kalkolu ħafna drabi jista' jiġi mtejjeb billi

- dawn is-sottoriskji jiġu esklużi mis- $SCR_{RU}(0)$ għall-kalkolu ta' hawn fuq;
- il-kontribuzzjoni ta' dawn is-sottoriskji għall-marġini tar-riskju tiġi kkalkulata separatament;
- jiġu aggregati r-riżultati (fejn prattikabbli b'konċessjoni għad-diversifikazzjoni).

Fir-rigward tal-livell (4) tal-ġerarkija:

Skont din is-simplifikazzjoni, il-marġini tar-riskju $CoCM$ huwa kkalkulat bħala perċentwal tal-aqwa estimu tal-provvedimenti tekniċi netti mir-riassigurazzjoni f' $t=0$, jiġifieri

$$CoCM = a_{lob} \cdot BE_{Net}(0)$$

fejn

$BE_{Net}(0)$ = l-aqwa estimu tal-provvedimenti tekniċi netti mir-riassigurazzjoni kif valutat fil-ħin $t=0$ għall-portafoll tal-obbligi ta' (ri)assigurazzjoni tal-impriża fi ħdan linja partikolari tan-negożju;

a_{lob} = perċentwal fiss għal linja partikolari tan-negożju.

Anness Tekniku V - Kalkolu simplifikat tar-riassigurabbli minn kuntratti ta' riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali

Fir-rigward tal-provvedimenti għall-premia:

Is-simplifikazzjonijiet Gross-għal-Nett imsemmija hawn taħt fir-rigward tal-provvedimenti għal pretensjonijiet pendenti, 2), jistgħu jintużaw ukoll għall-kalkolu tar-riassigurabbli fir-rigward tal-provvedimenti għall-premia, jiġifieri l-provvedimenti għal pretensjonijiet (koperti iżda mhux imġarrba) relatati mas-sena tal-aċċident kurrenti (fejn $i=n+1$), billi tintuża l-parti proporzjonali (antiċipata) tal-koperatura tar-riassigurazzjoni għal din is-sena. Dan se jkun approċċ konservattiv għall-impriża tar-(ri)assigurazzjoni ċedenti, billi ma jiġix ikkunsidrat l-impatt tar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali għas-sena (finanzjarja) kurrenti tal-aċċident.

Fir-rigward tal-provvedimenti għal pretensjonijiet pendenti:

1) Simplifikazzjoni Gross-għal-Nett ibbażata fuq provvedimenti għal pretensjonijiet RBNS ("riżerva ta' każijiet")

Din is-simplifikazzjoni tuża proporzjon ta' provvedimenti netti fuq il-gross ta' portafoll disponibbli A sabiex tistma l-provvedimenti netti ta' portafoll ieħor B (NPB) fuq il-bażi tal-provvedimenti gross osservabbli tal-portafoll B (GPB). Fi kliem ieħor, is-simplifikazzjoni Gross-għal-Nett (GN) hija stipulata bħala:

$$GN = NPA/GPA$$

fejn NPA u GPA jirrappreżentaw il-provvedimenti netti u grossi tal-portafoll A, rispettivament. Imbagħad din is-simplifikazzjoni tiġi applikata għall-kalkolu tal-provvedimenti netti għall-portafoll B kif ġej:

$$NPB = GN \times GPB$$

Sabiex tiġi applikata din is-simplifikazzjoni jridu jiġu ssodisfati l-kriterji li ġejjin:

- Il-portafoll referenzjarju (A) ikun simili għall-portafoll (B) li għalih tintuża s-simplifikazzjoni, cf. il-prinċipju tas-sustanza fuq il-forma.
- Il-proporzjon (GN) jiġi stabbilit permezz ta' data kredibbli u sostenibbli. Dan jeħtieġ sett ta' data li jaqbeż mill-anqas sentejn.

Ir-riassigurazzjoni ċeduta tvarja bid-daqs, is-solidità finanzjarja u l-averżjoni għar-riskju ta' kumpanija, u għalhekk hija meħtieġa attenzjoni partikolari meta jiġi applikat proporzjon ta' nett fuq il-gross minn portafoll referenzjarju ieħor. Approċċ bħal dan għalhekk jista' jintuża biss meta l-portafoll referenzjarju jkun magħruf li għandu natura simili ħafna għall-portafoll proprju. Madankollu, anki jekk dan ikun il-każ, il-perċentwal taċ-ċessjoni għal riassigurazzjoni mhux proporzjonali se jiddependi ħafna fuq l-okkorrenza attwali ta' telf kbir, u għalhekk ikun volatili ħafna.

2) Simplifikazzjoni Gross-għal-Nett ibbażata fuq il-pretensjonijiet imħallsa kumulattivi (flussi tal-flus kumulattivi)

Din is-simplifikazzjoni toħroġ estimu tal-provvedimenti netti għall-pretensjonijiet pendenti billi tuża l-provvedimenti grossi għall-pretensjonijiet pendenti flimkien ma' estimu tal-impatt tal-koperturi ta' riassicurazzjoni għal snin tal-aċċident individwali.

Fir-rigward tar-razzjonal għall-użu ta' din is-simplifikazzjoni, huwa nnotat li għas-snin tal-aċċident imgħoddija, l-istruttura tar-riassicurazzjoni għal sena individwali hija magħrufa u (probabbilment) mhix se tinbidel b'mod retroattiv. Għalhekk, tqabbil tal-flussi tal-flus kumulattivi netti fuq il-gross għal kull linja tan-negozju fil-passat – differenzjati skont is-sena tal-aċċident – jista' jintuża sabiex jinkiseb estimu tal-impatt tar-riassicurazzjoni proporzjonali u mhux proporzjonali għas-sena tal-aċċident individwali (jiġifieri simplifikazzjoni Gross-għal-Nett għas-sena tal-aċċident individwali).

Għal kull linja tan-negozju, is-simplifikazzjonijiet Gross-għal-Nett għas-snin tal-aċċident mhux finalment żviluppatti (GNI) huma stipulati kif ġej:

$$GNI = ANet,i,n-i / AGross,i,n-i,$$

fejn $AGross,i,n-i$ u $ANet,i,n-i$ jirrappreżentaw il-pretensjonijiet kumulattivi mħallsa gross u nett mir-riassicurazzjoni, rispettivament, u n hija l-aħħar sena tal-aċċident b'valuri osservati ta' dawn il-flussi tal-flus.

Dawn is-simplifikazzjonijiet imbagħad jintużaw sabiex jiġu kkalkulati l-provvedimenti netti għall-pretensjonijiet pendenti għas-snin tal-aċċident individwali, jiġifieri

$$PCONet,i = GNI \times PCOGross,i$$

fejn $PCOGross,i$ u $PCONet,i$ jirrappreżentaw il-provvedimenti grossi u netti għall-pretensjonijiet pendenti għas-sena tal-aċċident i , rispettivament.

Sabiex tiġi applikata din is-simplifikazzjoni, il-pretensjonijiet kumulattivi mħallsa grossi u netti (flussi tal-flus grossi u netti) għal kull sena tal-aċċident iridu jkunu disponibbli għal kull linja tan-negozju.

Għal snin tal-aċċident aktar ġodda u speċjalment l-aħħar sena tal-aċċident (fejn $i=n$), is-simplifikazzjoni stipulata tista' tkun daqsxejn għolja wisq minħabba l-fatt li l-pretensjonijiet IBNR huma probabbli li jikkostitwixxu parti kbira mill-provvedimenti għall-pretensjonijiet pendenti. Għalhekk, is-simplifikazzjoni stipulata hija probabbli li twassal għal estimu eċċessiv tal-provvedimenti netti f'dawn il-każijiet.

Anness Tekniku VI - Kalkolu simplifikat matul is-sena għall-marġini tar-riskju

Il-Marġini tar-Riskju f'punt partikolari matul is-sena ta' wara (jiġifieri $CoCMlob(t)$) jista' jiġi kkalkulat kif ġej:

$$CoCM(t) = CoCM(0) \cdot BE_{Net}(t)/BE_{Net}(0), 0 < t < 1$$

fejn:

$CoCM(0)$ = il-marġini tar-riskju kif ikkalkulat fil-ħin $t=0$ għall-portafoll tal-obbligi ta' (ri)assigurazzjoni tal-impriża ta' referenza,

$BE_{Net}(t)$ = l-aqwa estimu tal-provvedimenti tekniċi netti mir-riassigurazzjoni kif valutat fil-ħin $t \geq 0$ għall-portafoll tal-obbligi ta' (ri)assigurazzjoni tal-impriża ta' referenza.